# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 689/11MH**

**Illum 28 ta' Settembru, 2016**

**Mark Ellul Sullivan (I.D. 171372M), Caroline Hayes (47967M) u Ikebana Holdings Limited (C29866), CSMR (1994) Limited (C16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652)**

**vs**

**Avukat Dr Henri Mizzi li b' digriet tal-24 ta' Awwissu 2011 gie nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita Daniza Damkjaer International A/S, [numru ta' registrazzjoni 18033070 ta' Anslet Landevej 10, DK 6100 Haderslev, Denmark u Robert Damkjaer Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-20 ta' Lulju 2011 fejn gie premess:

1. *"Illi il-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited hija joint venture fuq bazi 50/50 bejn Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited min-naha wahda u l-intimati Damkjaer International u*

*kienet giet iffurmata bl-iskop li tipproduci f' Malta prodotti bil-markju Dany ghas-suq Malti u swieq barranin.*

2. *Bhala parti mill-ftehim bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim li permezz tieghu il-kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inghatat* *<u>sole agency agreement</u>* *tal-prodotti tal-fabbrika f' Malta (Dok A).*

3. *Illi l-kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inoltre kienet agent u distributor tal-intimati tal-prodotti Dany u marki ohra fuq is-Suq Malti.*

4. *Illi fil-kuntratt bejn Robert Damkjaer (Malta) Limited u CSMR (1994) Limited hemm stipulat li "D.I. and Robert Damkjaer Limited is not authorized to sell to other parties than CSMR on the local market" kif ukoll "The portfolio of products / brands held by CSMR before this agreement are not to be affected by this contract."Jigi rilevat ghal kull bwon fini li dan il-kuntratt ta' agenzija kien gie ffirmat fl-isfond tal-arrangament globali bejn il-partijiet li jinkludi Shareholders Agreement (Dokument B) li kien qieghed jigi negozjat u li kien gie eventwalment iffirmat.*

5. *Illi dan il-kuntratt, u del resto, il-kuntratti kollha relattivi ghal joint venture ghadhom fis-sehh, minkejja li l-intimati mmanuvraw biex jitterminawhom u ghalhekk l-intimati huma marbutin bil-klawsola in kwistjoni.*

6. *Illi xi zmien ilu l-esponenti gew avzati li l-intimati ma kienux ser ibieghu aktar lill-esponenti u filfatt ittrasferew l-agenzija lil terzi. Din id-decizjoni kienet ghal kollox illegali ghaliex l-agenti CSMR 1994 Limited ma kienux moruzi, u anzi dejjem qdew fedelment l-inkarigu taghhom u b' rizultat ta' xogholhom il-markju Dany jgawdi popolarita' kbira fuq is-suq*

*ta' Malta. Qabel ma bdiet l-agenzija il-prodott Dany ma kienx maghruf fuq is-suq f' Malta. Dan ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza.*

7. *Illi sussegwentement l-intimati bdew diversi proceduri intizi li jzommu il-fabbrika milli tipproduci aktar il-prodotti li kienu gew pattwiti fil-ftehim imsemmi biex b'hekk jassikuraw li l-agenti ma jkollhomx prodotti x' ibieghu;*

8. *Illi apparti minn dan kollu l-intimati kisru diversi obbligi kontrattwali ohra u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza.*

9. *Illi ghaldaqstant l-agir tal-intimati huwa bi ksur tal-obbligi kontrattwali taghhom u/jew in mala fede. B' risultat tal-agir tal-intimati jew min minnhom ir-rikorrenti kollha soffrew Danni naxxenti mill-ksur tal-arrangamenti kontrattwali ezistenti.*

10. *Illi ghalkemm interpellati biex jiddesistu minn dan l-agir l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess r-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi din il-kawza billi:*

1. *Tinibixxi lill-intimati milli jispiccaw il-prodotti Dany f' Malta tramite terzi;*

2. *Tordna lill-intimati jottemporaw ruhhom mal-kuntratti premessi f' dan ir-rikors u dan inter alia billi jirrintegraw lir-rikorrenti fi drittijiet taghha ta' agent;*

3. *Fi kwalsiasi kaz, tiddikjara li l-intimati kissru l-arrangamenti kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet inkluz il-kuntratti ta' Agenzija u s-shareholders agreement u mmanuvraw biex jirrendu inutli l-istess arrangamenti u b' hekk irrendew ruhhom responsabbli ghad-danni fil-konfront tar-rikorrenti.*

4. *Tillikwida d-danni kkagunati lir-rikorrenti bl-agir premess, okkorendo bl-ghajnuna ta' periti nominati ghal dan l-iskop.*

5. *Tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni likwidati, bl-imghaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez.*

*L-intimati, fil-persuni tar-rapprezentanti taghhom huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

*B' riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti skond il-Ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr Henri Mizzi noe tas-6 ta' Ottubru 2011[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

***"ID-DIFIŻA***

**(a) *Nullita***

[1] Fol 70

1. *Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex il-varji talbiet tar-rikorrenti jirrigwardaw allegat ksur mhux biss tas-Sole Agency Agreement (Dokument "A" mar-rikors ġuramentat) u s-Shareholders Agreement (Dokument B mar-rikors ġuramentat) iżda ukoll ta' kuntratti oħra bejn il-partijiet mingħajr ma jispeċifikaw għal liem kuntratti qegħdin jirreferu u mingħajr ma jispjegaw x'inhu l-allegat ksur fir-rigward ta' dawn il-kuntratti.*[2] *Lanqas ma jiġi speċifikat x'inhuma l-allegati ksur min-naħa tas-soċjetajiet intimati fir-rigward tas-Shareholders Agreement. Ir-rikors ġuramentat lanqas ma jindika liema mir-rikorrenti għandhom liema pretensjoni u liema mill-intimati kisru l-allegati obbligi kuntrattwali.*

*Is-soċjeta' intimata għaldaqstant ma tistax tifhem il-pretensjoni tar-rikorrenti u ma tistax tifhem l-allegazzjonijiet kollha miġjuba kontriha.*[3]

---

[2] *Dan jirriżulta mis-segwenti premessi:*

i) *Paragrafu 4 tar-rikors ġuramentat: "...il-kuntratt ta' aġenzija kien ġie ffirmat* ***fl-isfond ta' l-arranġament globali bejn il-partijiet*** *li jinkludi shareholders agreement...*
ii) *Paragrafu 5 tar-rikors ġuramentat: "Illi dan il-kuntratt, u del resto,* ***il-kuntratti kollha relattivi għal joint venture*** *għadhom fis-seħħ..."*
iii) *Paragrafu 7 tar-rikors ġuramentat: "bdew diversi proċeduri intiżi milli jżommu l-fabbrika milli tipproduċi aktar il-prodotti li kienu ġew* ***pattwiti fil-ftehim imsemmi."***
iv) *Paragrafu 8 tar-rikors ġuramentat: "Illi apparti minn dan kollu, l-intimati kisru* ***diversi obbligi kuntrattwali oħra****..."*
v) *Paragrafu 9 tar-rikors ġuramentat: "****B'riżultat ta' l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom,*** *ir-rikorrenti kollha sofrew danni* ***naxxenti mill-ksur ta' l-arranġamenti kuntrattwali eżistenti."***
vi) *It-tieni talba: "tordna li l-intimati jottemporaw rwieħhom* ***mal-kuntratti premessi f'dan ir-rikors****."*
vii) *It-tielet talba: "tiddikjara li l-intimati kisru* ***l-arranġamenti kontrattwali eżistenti bejn il-partijiet inkluż il-kuntratt ta' aġenzija u s-shareholders agreement."***

[3] *Tant ir-rikors ġuramentat mhuwiex ċar illi din l-Onorabbli Qorti stess talbet lill-atturi jiċċaraw il-pretensjoni tagħhom, liema pretensjoni xorta waħda ma tirriżultax ċar min-nota ta' l-atturi tat-22 ta' Settembru 2011 u dan stante li fl-istess nota l-atturi jgħidu illi 'mhuwiex possibbli li f'dan l-istadju wieħed jindika bi preċiżjoni assoluta dak kollu li sar bi ksur ta' l-istess kuntratti.'*

**(b) *Nuqqas ta' kompentenza***

2. *Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas*-suespost, *sa fejn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq ksur tas-Sole Agency Agreement u s-Shareholders Agreement, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti biex tisma' t-talbiet odjerni stante dawn il-fehemiet huma regolati bi klawżola ta' arbitraġġ.*

(c) ***Leġittimi Kontradитturi***

3. *Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas*-suespost, *fir-rigward ta' kull allegazzjoni jew allegat ksur tas*-Sole Agency *Agreement bejn CSMR (1994) Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited, is-soċjetajiet intimati ma jistawx jiġu kkunsidrati bħala l-leġittimi kontradittur peress li huma mhumiex parti minn dan il-kuntratt – semmai kellha tkun ir-rikorrent Robert Damkjaer (Malta) Limited li magħha ġie mifthiem is-Sole Agency Agreement li kellha tidher bħala l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u partikolarment fir-rigward ta' din l-allegazzjoni. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

4. *Preliminarjament u wkoll mingħajr preġudizzju għas*-suespost, *fir-rigward ta' kull talba u kull allegazzjoni li tirrigwarda ksur tas-Shareholders Agreement, is-soċjeta konvenuta Robert Damkjaer Limited mhix il-leġittimu kontradittur;*

(d) ***Nuqqas ta' interess ġuridiku***

5. *Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited m'għandhom l-ebda interess ġuridiku fir-rigward ta' l-ewwel talba kif ukoll fir-rigward ta' kull talba u fir-rigward ta' kull allegazzjoni magħmulha sa fejn din tolqot is-Sole Agency Agreement bejn CSMR (1994) Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

6. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' kull talba u kull allegazzjoni li tirrigwarda ksur tas-Shareholders Agreement, s-soċjeta' CSMR (1994) Limited m'għandhiex interess ġuridiku stante li hi mhix parti minn dan il-kuntratt. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

7. *Preliminarjament u wkoll mingħajr preġudizzju, is-soċjeta rikorrenti Robert Damkjaer (Malta) Limited m'għandha ebda interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri u dan peress li hi mhix parti mis-Shareholders Agreement iżda biss parti fis-Sole Agency Agreement u f'dan ir-rigward, l-esponenti nomine jagħmel riferenza għat-tielet risposta fejn jiġi sottomess illi Robert Damkjaer (Malta) Limited kellha tidher bħala konvenut u mhux bħala attur;*

*(e)* ***Lis alibi pendens***

8. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent nomine jeċċepixxi l-lis alibi pendens ai termini ta' l-artikolu 792 tal-*

*kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi t-talbiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenzija ta' CSMR (1994) Limited, l-allegati danni li sofriet l-istess kumpannija, kif ukoll fir-rigward ta' l-ewwel talba jingħad illi dawn l-istess allegazzjonijiet u l-istess talbiet qed jiġu magħmula fil-proċeduri li ġew intavolati mill-kumpannija CSMR (1994) Limited stess fl-ismijiet CSMR (1994) Limited v Dr. Henri Mizzi noe (Rikors Numru 337/2007AF);*

*(f)* ***Risposti oħrajn***

9. *Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju ukoll, it-tieni talba ma tistax tiġi akkolta stante li r-rikorrenti mhumiex ċari għal-liem kuntratti qed jirreferu kif ukoll a nom ta' min qed issir it-talba li xi waħda mir-rikorrenti tiġi jirrintegrata bħala aġent. Addizzjonalment, ma huwiex legali u lanqas konsiljabbli fl-interess tal-partijiet u tal-kummerċ tagħhom in ġenerali li f'ċirkostanzi ta' ġlied u differenzi kif jeżistu bejn il-partijiet odjerni li huma jiġu sfurzati, kif mitlub, li jkomplu r-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

10. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba kif impustata hija mproponibbli stante li (i) r-rikorrenti semmai kellhom waħda minn żewġ għażliet u cioe jew li jitolbu specific performance jew li alternattivament jitolbu d-danni u / jew (ii) it-talba kif impustata hija talba fin-natura ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni b'kawtela għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti u mhux talba li tista' ssir f'azzjoni prinċipali - il-liġi ma tikkontemplax il-possibilta' ta' talba kawtelatorja permanenti;*

11. *Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, r-rikorrenti, jew min minnhom ma għandhom l-ebda dritt li jżommu lill-intimati milli jispaċċaw il-prodotti Dany f'Malta tramite terzi;*

12. *Fil-mertu, fir-rigward tat-tieni talba, l-ebda wieħed mir-rikorrenti igawdi minn xi dritt li jkun l-aġent tas-soċjetajiet intimati;*

13. *Fil-mertu, is-soċjetajiet intimati mhumiex responsabbli għall-ksur ta' ebda arranġamenti kontrattwali eżistenti bejn il-partijiet u jiċħdu li huma, jew min minnhom, aġġixxew b'xi mod sabiex jirrendu inutli dawk l-arranġamenti.*

14. *Is-soċjetajiet intimati jiċħdu ulterjorment li huma responabbli għall-allegati danni li jgħidu li sofrew ir-rikorrenti.*

15. *Salv risposti ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

**IL-FATTI**

1. **L-esponent nomine jaqbel mal-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat dwar kif inhi komposta s-soċjeta Robert Damkjaer (Malta) Limited, li tagħha qiegħed jintalab ix-xoljiment fi proċeduri preżentement pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti kif presjeduta. Din is-soċjeta ġiet ikkrejata sabiex timmanifattura f'Malta prodotti konsistenti f'chilled chicken luncheon meat.**

2. **Fir-rigward tal-fatti esposti fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti nomine jirrispondi li CSMR (1994) Limited daħlet f'kuntratt mas-soċjeta' rikorrenti Robert Damkjaer (Malta) Limited fejn CSMR (1994) Limited ġiet maħtura bħala distributur tagħha fir-rigward ta' ċertu prodotti fabbrikati mis-soċjeta' Robert Damkjaer (Malta) Limited. Ir-rikorrenti l-oħra u s-soċjetajiet intimati m'għandhomx x'jaqsmu ma' dan il-ftehim u kif diġa ssollevat mhux ċar f'liema kapaċita s-soċjeta Robert Damkjaer (Malta) Limited tidher bħala rikorrent fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet dwar is-Sole Agency Agreement;**

3. **L-esponenti nomine ma jaqbilx mal-fatti kif esposti fit-tielet paragrafu. Is-soċjeta' CSMR (1994) Limited ma kellha ebda relazzjoni ta' aġenzija jew distribuzzjoni mas-soċjetajiet intimati.**

4. **Fir-rigward tal-fatti esposti fir-raba' paragrafu, l-esponenti tirrispondi li fir-rigward tal-projbizzjoni kkwotata fir-raba' paragrafu, CSMR (1994) Limited ittentat żewġ mandati ta' inibizzjonijiet sabiex iżomm lill-istess intimati milli jiddistbwixxu l-prodotti tagħhom lill-terzi f'Malta wara li r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret irrimedjabbilment. Iż-żewġ mandati ġew miċħuda.**[4]

5. **L-esponenti tiċħad il-fatti esposti fil-ħames paragrafu u tirrispondi li s-shareholders agreement ma ġiex formalment**

[4] *L-ewwel mandat ta' inibizzjoni huwa dak bin-numru 253/2007 fejn it-talba kienet sabiex is-soċjetajiet intimati jinżammu milli jbiegħu jew jispaċċaw jew ipoġġu fuq is-suq Malti mingħajr l-intervent ta' CSMR (1994) Limited u/jew il-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited u milli jikkostitwixxu kuntratti ta' aġenzija u/jew distribuzzjoni għal dak li jirrigwarda l-bejgħ tal-prodotti DANY f'Malta. Dan il-mandat ġie milqugħ u sussegwentement revokat bid-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta bin-numru 394/2007AF. It-tieni mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1003/2007 b'talba kważi ekwivalenti għal dik tal-mandat preċedenti, ġie miċħud.*

**terminat iżda dwaru hemm pendenti l-proċeduri ta' xoljiment. Fir-rigward tas-Sole Agency Agreement jingħad illi l-unika entita li setgħet tittermina dan il-ftehim huma ż-żewġ soċjetajiet rikorrenti parteċipi għal dan il-ftehim u cioe jew Robert Damkjaer (Malta) Limited jew CSMR (1994) Limited. Fir-rigward tal-ġeneralita tad-diċitura użata dwar kuntratti oħra, il-kummenti diġa magħmulha f'din ir-risposta japplikaw.**

6. **L-esponenti tiċħad il-fatti esposti fis-sitt paragrafu u dan għaliex l-arranġamenti tas-soċjetajiet intimati ma terzi lokalment saru wara li diversi tentattivi biex jiġu miżmuma milli hekk jagħmlu, ġew miċħuda. Illi kif jidher iktar fil-paragrafi suespost, s-soċjetajiet intimati ma kellhom l-ebda ftehim mas-soċjeta' CSMR (1994) Limited u mhux ċar għal-liema esponenti qed issir referenza għalihom f'dan il-paragrafu – għalkemm jidher li r-riferenza hi għal kollha kemm huma. F'dan ir-rigward kif diġa msemmi teżisti karenza ta' interess ġuridiku. Addizjonalment, u mingħajr preġudizzju, jingħad illi, kif ser jiġi ppruvat Robert Damkjaer (Malta) Limited kienet fil-fatt moruża fil-ħlasijiet dovuti.**

7. **L-esponenti tiċħad il-fatti fis-seba' paragrafu esposti fir-rikors ġuramentat u tirrispondi li l-unika proċeduri li bdew is-soċjetajiet intimati huma (i) il-proċeduri ta' xoljiment ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited[5] u (ii) proċeduri għall-ksur tal-marku DANY[6]. Kif eżattament dawn jinkwadraw f'dak allegat fis-seba' paragrafu jibqa' mhux ċar għall-intimat nomine.**

[5] *Rikors Numru 785/2008AE fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi noe v Robert Damkjaer (Malta) Limited*
[6] *Rikors Numru 1336/2007AE fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi noe v Robert Damkjaer (Malta) Limited*

8. **Fir-rigward tal-fatti esposti fil-paragrafi numru tmienja u disgħa, is-soċjetajiet intimati jirrispondu li huma qatt ma kisru l-ebda obbligi kontrattwali li seta' kellhom mar-rikorrenti, jew min minnhom. Addizjonalment huma qatt ma aġixxew in mala fede u qatt ma kkawżaw xi forma ta' danni lir-rikorrenti.**

9. **Fir-rigward ta' l-għaxar paragrafu, CSMR (1994) Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited diġa ntavolaw kawża għal danni bbażata fuq allegazzjoni ta' terminazzjoni illegali tas-Sole Agency Agreement. Is-soċjetajiet intimati qatt ma ġew formalment interpellati dwar dawn il-proċeduri ġodda li f'parti minnhom ma huma xejn differenti minn dawk diġa ntavolati.**

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata;

Rat in-Nota tal-atturi tat-23 ta' Settembru 2011[7] permezz ta' liema in ottempranza mad-digriet tal-Qorti tat-23 t'Awissu 2011[8] indikaw liema kienu l-obbligi kontrattwali allegatament miksura mill-konvenuti li ghalihom kienet saret referenza f'paragrafu 8 tar-rikors guramentat;

Rat **is-sentenza preliminari taghha tal-25 ta' Marzu 2013**[9] dwar l-ghaxar eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-konvenut noe u li ghal motivi hemm moghtija iddecidiet li:

[7] Fol 68 et seq
[8] Fol 65
[9] Fol 235

*"2. Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

*3. Tichad it-tieni (2) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

*4. Tilqa' t-tielet (3) eccezzjoni fis-sens li firrigward tas-Sole Agency Agreement bejn CSMR u RDM, il-konvenuti m'humiex il-legittimi kontradditturi. Ghalhekk in kwantu t-talbiet fir-rigward ta' CSMR jistghu jirreferu ghal dan il-ftehim, tillibera lillkonvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.*

*5. Tilqa' r-raba' (4) eccezzjoni fis-sens li fir-rigward tas-Shareholder's Agreement il-konvenuta RDL m'hijiex legittimu kontradittur. Ghalhekk tillibera lil RDL mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-ilment tal-atturi jirreferi ghas-Shareholder's Agreement. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.*

*6. Tilqa' l-hames (5) eccezzjoni fis-sens li firrigward tas-Sole Agency Agreement bejn CSMR u RDM, l-atturi Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited m'ghandhomx interess guridiku. Spejjez a karigu tal-atturi.*

*7. Tilqa' s-sitt (6) eccezzjoni u tiddikjara li CSMR m'ghandix interess guridiku ghal dak li ghandu x'jaqsam is-Shareholder's Agreement. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.*

*8. Tichad is-sebgha (7) eccezzjoni. Spejjez kontra l-konvenuti.*

*9. Bla pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, tichad it-tmien (8) eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.*

*10. Tichad id-disgha (9) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

*11. Tichad l-ghaxar (10) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti."*

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok u ghal skopijiet prattici f'din is-sentenza, l-istess bhal ma ghamlet fis-sentenza preliminari taghha, il-Qorti sejra terga' tirreferi ghall-partijiet b'dan il-mod:

a. CSMR (1994) Limited bhala CSMR.

b. Robert Damkjaer (Malta) Limited bhala RDM.

c. Damkjaer International bhala DI.

d. Robert Damkjaer Limited bhala RDL.

e. Joint Venture Company bhala JVC.

L-atturi intavolaw il-proceduri odjerni wara li allegatament u b'rizultat tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom huma sofrew danni naxxenti minn ksur ta' arrangamenti kontrattwali li kienu saru bejn il-partijiet. Huma qeghdin jitolbu

lill-Qorti biex (i) twaqqaf lill-konvenuti milli jispaccaw il-prodotti Dany f'Malta tramite terzi, (ii) tordnalhom jirrintegraw lil CSMR fid-drittijiet taghha ta' agent; (iii) f'kull kaz tiddikjara li l-konvenuti kisru l-obbligi kontrattwali li jorbtu lill-partijiet; u (iv) tillikwida d-danni u tordna l-hlas tal-istess mill-konvenuti.

Minn naha l-ohra l-konvenuti, oltre diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari li dwarhom inghatat id-decizjoni surreferita, opponew wkoll l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-atturi fil-mertu fis-sens li (i) l-atturi m'ghandhom ebda dritt li jzommu lill-istess konvenuti milli jispaccaw il-prodotti DANY lokalment tramite terzi; (ii) ebda wiehed mill-atturi ma jgawdi minn xi dritt li jkun l-agent tas-socjetajiet intimati; (iii) il-konvenuti ma kisru ebda arrangement kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet u huma m'agixxewx b'mod li jirrendu inutli tali arrangamenti; (iv) huma ma jirrispondux ghal danni.

Mill-atti jirrizulta li gew iffirmati:

1. **Business Proposal for a Joint Venture**[10] fis-26 ta' Marzu 2002 tal-bejn Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan bhala shab Maltin u DI bhala s-sieheb Daniz bil-ghan li jkun hemm koperazzjoni bejniethom ghat-twaqqif ta' produzzjoni lokali ta' *chicken sausages*.

2. **Shareholders' Agreement** fis-26 ta' Marzu 2002[11] permezz ta' liema giet imwaqqfa JVC bejn Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan bhala s-shab Maltin u DI bhala s-sieheb Daniz bil-ghan li tibda ssir produzzjoni u bejgh

[10] Fol 152 et seq
[11] Fol 11 et seq

ta' *"chicken meat sausages"* ghas-suq Malti taht il-brand name *"Dany"*[12]. L-isem ta' din il-JVC kellu jkun RDM, liema kumpanija kellha tkun domiciljata f'Malta[13]. Is-*share capital* kellu jinqasam bin-nofs bejn is-shab Maltin u s-sieheb Daniz[14]. Il-Bord tad-Diretturi ta' JVC kellu jkun maghmul minn erba' membri – 2 diretturi nominati mis-shab Maltin u 2 diretturi ohra nominate mis-sieheb Daniz[15]. Artikolu 10 jipprovdi dwar l-operat tal-Kumpanija u jipprevedi li –

*"....the JVC shall enter into agreements concerning:*

a. *Sole Agency Agreement with CSMR*
    - *Purchase obligation*
    - *Reporting obligation*

b. *Partnership Agreement with DI*
    - *Supplies of raw materials, spare parts etc.*
    - *Technical assistance and management support*
    - *Maintenance etc"*

Artiklu 18 jiprovdi dwar ir-riperkussjonijiet fuq il-ftehim f'kaz ta' nuqqasijiet jew ksur serju tal-ftehim. Skont Artiklu 20, kwalunkwe tilwim naxxenti minn jew konness mal-ftehim kellu jitressaq ghall-arbitragg.

---

[12] Art 1.1
[13] Art 1.2
[14] Art 3.2
[15] Art 6.1

**Partnership Agreement** fis-26 ta' Marzu 2002[16] bejn DI u JVC li fl-artiklu 3 jipprovdi hekk:

*"To enable the JVC to comply with the production standard stated in the Business Proposal, DI is under an obligation to deliver to the JVC all forms of raw materials, appliances, seasoning and packaging, which the JVC cannot buy at a competitive price and insufficient quantities from other third parties."* Permezz ta' dan il-ftehim, il-partijiet qablu li DI kellha tipprovdi hiliet u *management support* lil JVC[17].

Inghad ukoll li dan il-ftehim kien assocjat mill-qrib u dipendenti fuq is-Shareholder's agreement[18].

3. **Sole Agency Agreement** fis-26 ta' Marzu 2002[19] bejn JVC u CSMR li l-ghan tieghu kien li jaghti lil CSMR *"sole agency rights to sell "Chicken Frankfurter Sausages" and "Chicken Luncheon Sausages", products manufactured by the JVC and marketed under the trademark "Dany"*[20] . Bis-sahha ta' dan il-ftehim gie maqbul li:

*"CSMR is not authorised to market and/or sell Chicken Frankfurter Sausages and Chicken Luncheon Sausages imported from other suppliers with the exception of those manufactured by RDL….*

….

[16] Fol 110 et seq
[17] Art 1
[18] Art 2
[19] Fol 5 et seq
[20] Art.1

*DI and RDL is not authorised to sell to other parties than CSMR on the Maltese Market*[21]*."*

Dan il-ftehim fost diversi klawsoli ohra jipprevedi li f'kaz ta' ksur serju tal-kuntratt japplika l-Artiklu 9 tal-istess ftehim. Dan il-ftehim ukoll jinkorpora klawsola ta' arbitragg[22].

Jirrizulta wkoll li oltre l-proceduri odjerni gew ukoll intavolati diversi proceduri legali naxxenti minn u konnessi mad-diversi kuntratti msemmija:

1. **Arbitragg Nru 14931/JEM quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Arbitragg**[23] **-** Kif diga' kkumentat il-Qorti fis-sentenza preliminari msemmija, il-proceduri t'arbitragg ma tkomplewx wara komunikazzjoni li kienet intbaghtet mill-istess Qorti Internazzjonali tal-Arbitragg lid-difensuri tal-partijiet permezz ta' liema huma gew avzati li l-proceduri ma kellhomx jitkomplew a tenur tal-artikolu 6(2) tar-regoli tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerc.

2. **Dr Henri Mizzi nomine vs Robert Damkjaer (Malta) Limited et (Rikors 785/2008**) deciza fl-1 ta' Novembru 2012 - Dawn kienu proceduri biex tigi xolta l-kumpannija RDM, liema talba giet milqugha u l-Qorti hatret stralcjarju ghal dan il-ghan.

[21] Art 2
[22] Art 12
[23] Inkartament a fol 128 et seq

3. **Dr Henri Mizzi nomine vs Robert Damkjaer (Malta) Limited et (Rikors 1336/2007**) deciza fit-28 ta' Lulju 2014 – F'din il-kawza l-atturi (DI u RDL) ippremettew li (i) RDL kienet il-proprjetarja tal-marka DANY u li l-istess RDL ma tatx dritt lil RD (Malta)L jew lil CSMR il-permess li juzaw il-marka DANY; (ii) il-partnership agreement gie tterminat minhabba diversi ragunijiet, fosthom nuqqas ta' hlas; (iii) l-ahhar konsenja ta' materja prima saret lejn l-ahhar ta' Novembru 2006; (iv) Madankollu rrizulta li l-prodotti baqghu jinbieghu fis-suq lokali Malti. (v) RDM giet imsejha sabiex twaqqaf dan l-agir u giet ukoll infurmata li ma kenitx awtorizzata li tuza l-marka DANY. Pero' baqghet timmanifattura l-prodott b'uzu ta' materja prima li akkwistat minghand haddiehor u tghid li l-prodott kien ta' DANY; (vi) Min-naha ta' CSMR baqghet tixtri mill-prodott u tqassmu fis-suq Malti; Dan l-agir skont l-atturi sar bi ksur tad-Drittijiet ta' proprjeta' intelletwali ta' RDL, a tenur tal-Artikolu 10 tal-Kap. 416. L-atturi talbu lil Qorti fost affarijiet ohra biex tordna lill-konvenuti ma jkomplux jaghmlu uzu mill-marka u jhallsu d-danni. Il-qorti laqghet it-talbiet izda biss fil-konfront ta' RDL bhala s-sid tat-trademark u llikwidat id-danni favur taghha.

4. **Ikebana Limited et vs Dr Henri Mizzi nomine (Rik Nru 854/2007)** deciza fit-28 ta' Ottubru 2012 - Il-qorti awtorizzat lil RDM biex tibda proceduri gudizzjarji, inkluzi proceduri ta' arbitragg, kontra DI u jekk ikun il-kaz RDL.

5. **CSMR (1994) Ltd et vs Dr Henri Mizzi noe (Rik Nru 337/07AF - differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Novembru 2016)**[24] - kif diga'gie osservat mill-Qorti anke fis-sentenza preliminari taghha tal-25 ta' Marzu 2013, dawk il-proceduri huma prattikament identici ghal dawn odjerni fejn hemmhekk l-atturi ukoll qeghdin (i) jippruvaw izommu lill-konvenuti milli

[24] Inkartament esibit a fol 80 et seq – kawza differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Novembru 2016

jbieghu prodotti Dany f'Malta; (ii) jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta' danni a bazi ta' ksur ta' obbligi kuntrattwali. B'differenza ghall-kawza odjerna pero', l-atturi m'humhiex identici u hemm varjazzjoni f'wahda mit-talbiet fis-sens li t-tieni talba[25] fil-kawza odjerna hija nieqsa mill-proceduri Rik Nru 337/07.

6. **CSMR et vs Dr Henri Mizzi Noe (Rik Nru 394/07) deciz fit-28 ta' Gunju 2007**[26] – permezz ta' liema l-Qorti rrevokat fl-intier tieghu **Mandat t'Inibizzjoni Nru 253/07**[27] li kien originarjament milqugh u inibixxa lil DI u RDL milli jbieghu jew ipoggu fis-suq lokali prodotti DANY minghajr l-intervent ta' RDM u CSMR.

7. **Robert Damkjaer (Malta) Ltd vs Dr Henri Mizzi noe (Rik Nru 1003/07) deciz fit-18 ta' Lulju 2007**[28] **–** Il-Qorti cahdet talba ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni biex l-intimati jigu mizmuma milli jbieghu jew jispaccaw jew ipoggu fuq is-suq Malti prodotti tal-markju DANY.

**Ikkunsidrat:**

Huwa pacifiku li wara li Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan flimkien ma' DI esploraw il-possibilita' li jitwaqqaf f'Malta impjant li jipproduci zalzett tat-tigieg, u wara li kkonkludew li tali progett kien wiehed vijabbli, huma ffirmaw *Business Proposal* ghal dan il-ghan f'Marzu tal-2002. Il-prodotti ndikati f'din il-proposta ta' negozju kienu *"luncheon meat sausages"* u

[25] Rigwardanti talba biex il-konvenuti jigu ordnati jottempraw ruhhom mal-kuntratti msemmija fir-rikors promotur, inter alia billi jirrintegraw lil CSMR fid-drittijiet taghha ta' agent
[26] Inkartament esibit a fol 485 et seq
[27] Inkartament esibit a fol 529 et seq
[28] L-inkartament tieghu huwa esibit in atti a fol 409 et seq

*"frankfurter sausages"* maghmulin mit-tigieg[29]. Saru progettazzjonijiet dwar kwantitajiet stmati ta' bejgh ta' prodotti f'Malta f'dawn il-persentaggi: Zalzett 20%, Zalzett bil-gobon 40%, *Chicken Luncheon Sausages* bit-tursin 20% u *Chicken Luncheon Sausages with Olives* 20%.

Sabiex din il-proposta kummercjali tigi formalizzata fuq diversi livelli gew iffirmati wkoll *Shareholders Agreement, Partnership Agreement* u *Sole Agency Agreement* kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Ghaldaqstant u bis-sahha ta' dawn il-kuntratti, DI bdiet tipprovdi l-materja prima lil RDM, li minn naha taghha bdiet timmanifattura zalzett tat-tigieg tal-markju DANY. Il-prodott finali kien imbaghad jinbiegh minghand RDM esklussivament lil CSMR, liema socjeta' kellha l-kompitu li tbiegh u ticcirkolah fis-suq lokali.

F'din il-kawza l-atturi jallegaw li l-konvenuti jew min minnhom kisru l-arrangamenti kontrattwali ta' bejniethom b'dana li gew rekati danni lill-istess atturi. Izda qabel tipprocedi ulterjorment, il-Qorti tqis opportun li jigu stradati l-konsiderazzjonijiet taghha dwar dawn l-allegazzjonijiet b'dana li l-ewwel ser jigu elenkati l-effetti tas-sentenza preliminari taghha fuq il-mertu, fuq it-talbiet u fuq il-partijiet, biex imbaghad hija tiffoka fuq l-osservazzjonijiet taghha dwar il-bqija tal-mertu.

B'rizultat tas-sentenza tal-25 ta' Marzu 2013:

1. Il-Qorti tqis li ma fadlilha ebda kunsiderazzjonijiet x'taghmel fir-rigward tat-tieni talba attrici stante li kif deciz fil-Kap "Legittimu Kontradittur" f'dik is-sentenza, hadd mill-konvenuti ma huwa legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici ghal dak li jolqot l-ilmenti dwar *is-sole agency agreement*. **Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tosservax il-konfuzjoni fit-talbiet atturi tenut kont li huma**

[29] Fol 159

**qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' ksur ta' dan il-ftehim meta l-partijiet firmatarji (RDM u CSMR) huma t-tnejn atturi fil-kawza. Ghal din ir-raguni, ebda talba tal-atturi li tolqot is-*sole agency agreement* ma hi ser tigi kunsidrata u t-tieni talba sejra tigi michuda.**

F'dan il-kuntest ukoll, il-Qorti sejra tqis it-tnax il-eccezzjoni tal-konvenuti diretta lejn it-tieni talba attrici, u li teccepixxi li hadd mir-rikorrenti ma jgawdi minn xi dritt li jkun l-agent tas-socjetajiet konvenuti. Dan huwa minnu. Rapport ta' agenzija, partikolarment dik esklussiva hija wahda bazata essenzjalment fuq fiducja. Ir-rapport kuntrattwali u kummercjali jista' jissusisti biss sakemm ikun fadal fiducja reciproka bejn il-partijiet. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-proceduri dwar Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet **CSMR Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited vs Dr. Henri Mizzi noe deciz fit-28 ta' Gunju, 2007**[30]:

*"Bhal kull ftehim iehor ta` din ix-xorta cioe` ftehim ta` distribuzzjoni esklussiva, dan il-ftehim hu bazat fuq element essenzjali ta` fiducja. Konsegwentement, huwa arrangament li jista` jigi xjolt la darba ma tezisti dik il-fiducja hekk necessarja. Xoljiment ta` dan il-ftehim jista` jgib mieghu konsegwenzi ghal minn ma jibqax jonorah, u dan skond il-principju generali u stabbiliti tal-ligijiet taghna. Kif gie spjegat mir-rikorrenti odjerni socjetajiet Danizi fir-rikors taghhom, jekk wiehed imur oltre minn dan ir-ragunament il-konsegwenti fuq l-attivita` kummercjali jistghu jkunu problematici u dan peress illi l- fiducja ma tista` qatt tigi sfurzata".*

Naraw dwar dan l-element ta' fiducja tant krucjali ghal-holqien u success ta' relazzjoni ta' agenzija li:

[30] Rik Nru 394/2007

*"Agency doctrine grounds the principal's responsibility in the principal's right or power to control the agent. The principal's fundamental mechanism of control, which may be supplemented by others, is the provision of instructions to the agent, either initially when stating the actions the agent has authority to take on the principal's behalf or thereafter throughout the duration of their relationship…..The agent's fiduciary duty to the principal furnishes a benchmark for interpretation and for assessing actions the agent takes in response. The fiduciary benchmark requires the agent to interpret instructions reasonably in light of the principal's wishes as the agent understands them when the agent must decide what action to take, a temporal focus for interpretation that is distinctive to agency relationships. The fiduciary benchmark does not permit the agent to exploit gaps or arguable ambiguities in the principal's instructions to further the agent's self-interest or that of a third party, without the principal's consent. The foundational importance of control in defining agency, and the centrality of instructions to control, make agency distinctive as a common-law subject, in particular distinguishing it from other categories (e.g. trusts) conventionally treated as fiduciary. Accounts of agency law that ignore or slight the importance of instructions are incomplete because they fail to explain either well-settled doctrine or hard-to-miss facts about how agency relationships function"*[31]

.La kif ser jigi muri fil-bqija ta' din is-sentenza, il-progett tal-manifattura u bejgh ta' zalzett tat-tigieg sfaxxa fix-xejn u kull sens ta' fiducja bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, hadd mill-atturi ma jista' jivvanta xi pretensjoni li jkun agent tas-socjetajiet konvenuti. **It-tnax il-eccezzjoni sejra ghalhekk tigi milqugha**.

[31] The Fiduciary Character of Agency and the Interpretaion of Instructions; Deborah A. DeMott (Andrew S. Gold &Paul B.Miller eds. Oxfrod Univ. Press 2014) page 1 -2

2. In vista tal-kontenut tar-rikors guramentat u tan-Nota guramentata taghhom a fol 68, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti f'dan l-istadju jirrivolvu madwar l-effetti tas-*Shareholders Agreement*, il-*Partnership Agreement* u tal-*Business Proposal*. Mhux l-atturi kollha u l-konvenuti kollha huma parti minn dawn il-ftehim. Peress li mill-konvenuti hija biss DI li hija firmatarja tat-tlieta li huma, il-pretensjonijiet attrici rigwardanti dawn iz-zewg kuntratti jistghu biss jigu kunsidrati fil-konfront taghha. Peress ukoll li mill-atturi huma biss Charles u Mark Ellul Sullivan li huma parti mis-*Shareholders Agreement* u mill-*Business Proposal*, filwaqt li RDM biss hija parti mill-*Partnership Agreement*, huma biss it-talbiet ta' dawn l-atturi fir-rigward tal-ftehim rispettivi li fihom huma parti li sejrin jigu kkunsidrati fil-konfront ta' DI.

F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dizappunt taghha li minkejja l-pozizzjonijiet diversi tal-atturi anke ghal dak li huwa *status* fuq id-diversi ftehim iffirmati, huma xorta pprocedew b'kawza wahda bi pretensjonijiet komuni minkejja l-implikazzjonijiet diversi ghal kull wiehed minnhom. Lanqas ma pruvaw l-atturi jimmanifestaw il-posizzjoni b'mod aktar car fin-nota taghhom tat-22 ta' Settembru, 2011. F'kull kaz, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina kull wiehed mill-ilmenti mressqa fil-mertu.

**Mertu**

Il-Qorti tqis li minn ezami tal-atti huwa evidenti li hemm divergenza sinifikanti bejn il-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet. F'kazijiet hekk, u kif inhu risaput fil-gurisprudenza, il-kompitu tal-Qorti huwa li tfittex il-verosimiljanza, il-kredibilita' u l-ahjar prova li tista' twassalha ghall-konvinciment dwar il-

gudizzju finali. Fil-kaz **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta` Settembru 2013 –

*"... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

.....

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall- ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Merċieca**). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l- pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l- allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12)."*

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti tqis li l-ilmenti tal-atturi jolqtu varji aspetti ta' dak li gie miftiehem bejniethom. Fosthom hemm il-

*Business Proposal*, li kif accennat il-Qorti fis-sentenza preliminari taghha, ghad irid jigi determinat jekk dan jikkwalifikax bhala ftehim li jista' jigi mwettaq. Ma hemmx dubju li l-atturi Ellul Sullivan u DI qablu dwar il-kontenut tieghu tant li ffirmawh fis-26 ta' Marzu 2002. Dak li jrid jigi stabbilit izda huwa jekk dan il-kontenut huwhiex redatt b'tali mod li jirrendi dan il-ftehim enforzabbli *per se*. Fil-fehma tal-Qorti, r-risposta ghal dan il-kwezit tinsab fid-dicitura nnifisha. It-titolu tieghu diga' jghid hafna: "*Business Proposal for a Joint Venture Chicken Meat Sausage Plant*" – Il-ftehim mela huwa dwar PROPOSTA ta' negozju. Il-klawsoli l-ohra jkomplu jixhtu dawl fuq l-intendiment ta' dan il-ftehim:

i. *"This proposal explains how we **could see a co-operation** between MP*[32] *and DI*[33] *in order **to set up a local production of chicken sausages***[34] *";*

ii. *"3: **Business Idea** - The **project idea** is to establish a small scale chicken sausage processing plant.....Initially we intend for the plant....*[35] *";*

iii. *"The Board **is expected to set up specific targets** for sales and production*[36]

iv. *"8: Evaluation of the feasibility of the business proposal: The calculations of **feasibility and viability** of this project shows, that there is **great potential** in this production line*[37] *";*

---

[32] Maltese Partners – Mark u Charles Ellul Sullivan
[33] Danish Partner – Damkjaer International
[34] Fol 155 – pagna 4 tal-Proposta
[35] Fol 158 – pagna 8 tal-Proposta
[36] Fol 166
[37] Fol 171

v. *"Above **feasibility survey depend upon** the following: The **estimated quantities** can be sold on the market to average price of the examples found on the market by CSMR….Fixed costs **are expected to** rise by 10% year 2 and 10% year 4…*[38]*;*

vi. *"Both parties hereby declare their **willingness to work actively and loyally** in order to establish a joint venture company (JVC) between MP and DI*[39]*;*

Mis-suespost, kif anke nnutat mill-Qorti partikolarment mid-dicitura ndikata b'tipa grassa, dan il-ftehim, anke jekk dettaljat sew, m'huwa xejn hlief ftehim dwar proposta ta' negozju bi shab bejn negozjanti Danizi u dawk Maltin, liema ftehim kien jissigilla qbil dwar ko-operazzjoni, ideat, fattibilta' u viabilita', potenzjal, progettazzjonijiet, stimi u aspettativi ecc. Dawn il-kuncetti huma kollha marbuta ma' certa fluwidita', fis-sens li huma jaghtu direzzjoni u ndikazzjoni dwar it-triq 'il quddiem biex il-progett innifsu ta' produzzjoni u bejgh ta' prodotti tal-markju DANY f'Malta javvera ruhu. Izda dan mhux b'mod assolut ghal kull aspett imnizzel fih. Tant hu hekk per ezempju li c-cifri ndikati f'din il-proposta kienu mnizzla biss f'kuntest ta' studju dwar il-fattibilita' u l-viabilita' tal-progett. Il-kompitu biex jigu mfassla miri specifici kemm ghal dak li huwa bejgh u anke produzzjoni kien assenjat lill-Bord tad-Diretturi – ezercizzju li kien ghad irid isir fil-mument tal-iffirmar ta' din il-proposta. L-attur Mark Ellul Sullivan stess irrikonoxxa in kontro-ezami li ghar-rigward tal-*Business Proposal* huma kellhom biss progettazzjonijiet:

*"Ovvjament ahna forecast li kellna. Ma kien hemm ebda obbligu li se nilhqu dawn ic-cifri, inti ma tkunx taf kemm se tbiegh*[40]*."*

[38] Fol 179
[39] Fol 190

Il-Qorti għaldaqstant tqis li dan il-ftehim ma huwhiex enforzabbli *per se* u għalhekk ma jistax jiġi allegat ksur tiegħu kif pretiż minn naħa attriċi. Il-Qorti tifhem ukoll li dan kien l-intendiment oriġinali tal-partijiet firmatarji (u ma jagħmilx sens mod ieħor). Tant li, kuntrarjament għal dak li għamlu l-partijiet fil-kuntratti l-oħra u cioe' l-*Partnership Agreement*, *Shareholders Agreement* u l-*Agency Agreement*, f'din il-Proposta ma hemm ebda *Default Clause, Cancellation Clause, Breach of Contract Clause* jew *Arbitration Clause* kif hemm fl-oħrajn – klawsoli li minn natura tagħhom jagħtu saħħa lill-partijiet jieħdu azzjoni konkreta fil-konfront ta' xulxin f'kaz ta' xi nuqqas t'ottemprenza ta' xi parti mat-termini ta' kuntratt iffirmat bejniethom.

Inoltre u b'referenza għall-argument tal-atturi fis-sottomissjonijiet tagħhom f'punt 2.1[41], il-Qorti tqis li:

i. Ir-referenza għar-riżultanzi li ħarġu mill-*Business Proposal* wara l-investigazzjoni mill-partijiet dwar il-vijabilita' tal-proġett in kwistjoni f'Malta u l-annessjoni tiegħu fl-iskeda I tas-*Shareholders Agreement* ma għandhiex l-implikazzjonijiet legali li qegħdin jippretendu l-atturi għax din saret biss fil-parti preambolari tal-kuntratt. Tant hu hekk illi kien wara li elenkaw numru ta' premessi fil-preambolu li l-partijiet għaddew biex jiftehmu dwar id-dettalji li jorbtu tal-ftehim;

ii. Ir-referenza għall-*Business Proposal* fil-parti sostantiva tas-*Shareholders Agreement*[42] saret biex tindika biss li dan il-ftehim kellu jiġi mplimentat bi qbil mal-*Business Proposal* izda b'daqshekk ma

[40] Fol 329
[41] Fol 792
[42] Art 1 – klawsola 4 a fol 14

tinbet ebda bazi ghall-enforzabilita' tal-*Business Proposal* innifsu bis-sahha tas-*Shareholders Agreement*;

iii. Filwaqt li f'Artikolu 2 tal-*Partnership Agreement* gie specifikat li dan il-ftehim huwa associat ma' u dipendenti fuq is-*Shareholders Agreement,* id-dicitura hija ferm differenti b'referenza ghall-*Business Proposal* ghax dan issemma' biss fil-kuntest ta' rikonoxximent mill-partijiet li ghar-rigward tal-kuncett tal-JVC, huma kienu familjari mal-istudji u l-hiliet preliminari li ssemmew f'din il-proposta[43]".

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti mhijiex ser tqis it-talbiet li jirrigwardaw allegat ksur tal-*Business Proposal* innifsu.

## A. Allegazzjoni li l-makkinarju provdut ma kienx adegwat

Huwa evidenti mill-atti li parti sostanzjali mill-ilment tal-atturi hija dwar it-tip ta' makkinarju li ntbaghat ghall-produzzjoni tal-prodotti DANY mid-Danimarka.

Fin-nota guramentata tal-attur **Mark Ellul Sullivan** intqal li kien sehh:

*"Ksur ta' diversi weghdiet li kienu saru mis-shab Danizi u dan billi l-makkinarju u l-impjant supplit ma kienx tajjeb ghax-xoghol li kien gie indikat mill-istess shab Danizi bhala "turnkey" u billi dan il-makkinarju ma kienx*

[43] Fol 111. L-Artikolu jipprovdi hekk*: "the concept for the JVC is based on preliminary studies and skills, all of which are detailed in the Business Proposal with which both parties to this contract are familiar"*

*tajjeb biex isiru certi prodotti l-investiment li kien sar f'packaging room ghall-iskinless chicken frankfurters with cheese" u materjal relatat ghal dan il-prodott sar ghal xejn*[44]*."*

Specifikatament, l-ilment tal-atturi huwa l-aktar dirett lejn il-makkinarju li jipproduci z-zalzett tat-tigieg bil-gobon.

L-istess attur[45] jghid li:

(a) Bis-sahha tas-*Shareholders Agreement, Partnership Agreement, Sole Agency Agreement* u *Business Proposal*, DI qablet li tissuplixxi fabbrika *turnkey* ghall-produzzjoni ta' zalzett tat-tigieg u *luncheon meat* tat-tigieg. Hu jghid li –

*"The turnkey factory had to be supplied with all the necessary technical know-how, machinery, equipment, recipes, training of production staff, management support, commissioning of plant and running-in of the factory*[46]*."* Dan skont il-Business Proposal iffirmat.

(b) Huwa lmenta pero' li DI naqset milli tonora dan l-obbligu taghha peress li –

*"Even after the running-in, the factory could not produce the skinless chicken frankfurters with cheese because the machinery, equipment and know-how supplied by Damkjaer International were not adequate, sufficient or up to the task*[47]*."*

---

[44] Fol 68
[45] Affidavit bil-lingwa ngliza a fol 251 et seq
[46] Fol 252 – point 4
[47] Fol 253 – point 4

(c) Isemmi li skont il-*Business Proposal*, 45% tal-produzzjoni u bejgh progettat minn din il-fabbrika kien proprju dan it-tip ta' zalzett bil-gobon[48]. Izda minhabba li l-makkinarju supplit mid-Danizi ma kienx ghall-altezza, il-fabbrika f'Malta bdiet topera b'komponent ewlieni nieqes u ma setghetx tipproduci dan il-prodott.

(d) Circa 10 xhur wara l-bidu tal-produzzjoni u cioe' f'Gunju 2004, id-Direttur Daniz Karsten Kusch qal lis-shab Maltin biex jieqfu anke mill-produzzjoni ta' *"skinless chicken frankfurters"* ghax fil-fehma tieghu dawn ma kinux ekonomikament vijabbli, u dan dil-fehma tax-xhud kien kuntrarju ghall-kalkoli li kien hemm fil-*Business Proposal*. Dan il-prodott kien jammonta ghal 20% fuq il-produzzjoni progettata u maqbula fil-Business Proposal.

(e) F'email datata 29 ta' Gunju 2004, Kusch talabhom jiffukaw invece fuq ic-*chicken luncheon meat*[49].

(f) Minhabba dawn l-izviluppi, skont l-attur Mark Sullivan, 65% tal-produzzjoni annwali progettata taret mar-rih b'dana li rrizulta mpatt fuq il-bejgh progettat tant li l-kumpanija lokali ma kinitx f'qaghda li tiggenera parti sostanzjali mill-profitti grossi progettati. Huwa kkalkula li t-telf ta' profitti progettati kien jilhaq is-somma ta' €982,489 (vide Dok B anness mal-affidavit tieghu[50]). Isostni wkoll li DI kienet konsapevoli tal-fatt li l-makkinarju supplit ma kienx kapaci jilhaq l-aspettativi maqbula.

---

[48] **Ghal fini ta' precizazzjoni u kif diga' ndikat il-Qorti aktar qabel, dan il-prodott kien jekwivali ghal 40% tal-produzzjoni u bejgh progettat u mhux 45% kif indikat minn dan l-attur**

[49] Fol 262

[50] Fol 264

F'seduti susegwenti waqt ix-xhieda tieghu *viva voce*[51], Mark Sullivan insista li l-magni li tawhom id-Danizi ghall-operat tal-fabbrika f'Malta ma setghux jaghmlu l-volum ta' *frankfurters* li kienu ntizi li jsiru. Il-fabbrika fethet fl-2003 u kien fl-2007 li bdiet taghmel il-qliegh u dan kien meta bdew jixtru b'mod dirett minghand fornitur differenti minflok id-Danizi. Il-partners Danizi waqqfu r-relazzjoni ma' CSMR fl-2007 u bdew igibu l-prodott DANY fis-suq lokali tramite terzi. CSMR twaqqfet ukoll milli tuza l-kelma DANY BRAND NAME. Dan wassal ghal tnaqqis ta' circa 75% u 80% fil-bejgh[52]. Invece l-konvenuti ghadhom igawdu mix-xoghol li kien sar minn JVC tant li fis-*supermarkets* ghad jistghu jinxtraw dawn il-prodotti li kienet qed taghmel il-kumpanija lokali[53].

Dwar il-makkinarju huwa qal li meta akkumpanja lil missieru Charles gewwa d-Danimarka huwa ra l-makkinarju u sar ukoll *sampling*. Huwa qal li:

*"…l-makkinarju li ntwerejna deher li ma kienx gdid. Paul Eric qalilna illi dan il-makkinarju ser jintbaghat Malta jekk ahna niftehmu u ahna ftehmna. Jien minn naha tieghi m'ghamilt ebda riserva fuq il-kwalita' ta' makkinarju li ghidt li ha jtina. Jien u l-papa' ma nifhmux fil-manifattura ta' dawn it-tip ta' prodotti. Il-barranin kellhom jiehdu hsieb*[54]*."*

Skont Ellul Sullivan huma riedu li l-prodott ikun it-tip tal-*Wudy Sausages*, cioe' *skinless* ghax minn studju li ghamlu fuq is-suq lokali rrizultalhom li kien hemm suq tajjeb ghalih. B'dan il-mod setghu jaghmlu l-progettazzjonijiet biex ikunu jafu bejn wiehed u iehor kemm setghu jiehdu mis-suq lokali[55].

Dwar il-kwalita' tal-makkinarju, Mark Ellul Sullivan xehed hekk:

---

[51] Seduta 22 ta' Jannar 2014 a fol 275 et seq
[52] Fol 294 - Dok MS9
[53] Fol 295 – Dok MS10
[54] Fol 330
[55] Fol 330

*"Parti mill-makkinarju huwa maghruf bhala peeling machine. Dan biex igib iz-zalzett bla qoxra, skinless. Il-makkinarju li baghtulna ma kienx adegwat. Meta timmanifattura z-zalzett bla gobon, tuza dak li jghidulu a single filling horn, mentri jekk trid taghmlu bil-gobon, irid ikollok a double filling horn. Fuq in-naha ta' gewwa jkollok a mix of meat and cheese mentri fuq in-naha ta' barra jkollok il-laham biss. Li kellna kien single filling horn.*

*Fis-suq lokali huwa aktar popolari z-zalzett bil-gobon. Ahna min-naha taghna pruvajna hilitna biex bil-makkinarju li tawna nipprducu zalzett bil-gobon. Kienu anke baghtulna technician mill-fabbrika Daniza biex jipprova jsolvilna din il-problema. Konna qeghdin nipproducu zalzett iva bil-gobon fih pero' dan kien bl-iskin ghaliex minghajr skin, minhabba li ma kellniex id-double horn, kien jaqa' barra l-gobon. Il-prodott ghalhekk kien ta' kwalita' nferjuri minn dak li kellha l-Wudy.*

*Il-Wudy konna semmejnihulhom fi stadju meta morna jien u l-papa' id-Danimarka. L-intenzjoni kienet illi nikkompetu ma' dak is-suq u ghalhekk zgur semmejnihulhom. Dakinhar ma konniex doqna chicken frankfurter with cheese. F'Danimarka ma kinux jipproducuh dan it-tip ta' zalzett. Din kienet xi haga innovattiva ghalihom. Pero' assigurawna illi l-makkinarju kien ser ikun tajjeb biex issir din it-tip ta' manifattura [56]."*

L-attur l-iehor **Charles Ellul Sullivan**[57] qal li waqt zjara li kien ghamel id-Danimarka fuq stedina ta' DI, huwa kien innota li l-makkinarju kien antik izda gie accertat li dan kien idum tajjeb ghall-uzu. Jghid ukoll li minkejja li kien gie progettat li jimmanifatturaw iz-zalzett f'Malta, dan baqa' qatt ma sehh.

---

[56] Fol 330-331
[57] Fol 277 et seq - Seduta tat-22 ta' Jannar 2014

**Emanuel Busuttil Dougall**, *ex-foreman* ma' RDM stess u li kellu x'jaqsam mat-tmexxija gornaljera tal-fabbrika f'Malta, xehed dwar l-operat tal-magni u l-manifattura tal-prodotti[58]. Il-magni li waslu mid-Danimarka kienu *second-hand*. Il-haddiema Maltin inghataw tahrig dwar it-thaddim tal-magni minn Sven Hermansen. Ghalkemm irrikonoxxa li kien hemm xi diffikultajiet specjalment fil-bidu, dawn ma kinux problemi kbar.  Huwa xehed li –

*"Fil-bidu kellna xi diffikultajiet. Ma jidhirlix li kien hemm xi affarijiet kbar ta' problem relatati mal-magni. Kien hemm xi affarijiet zghar li ndirizzajnihom…. Gieli waqt li tkun qed tuzahom il-magni jinqalghu il-problemi imma din haga normali. Hafna drabi kont incempel barra minn Malta biex jibaghtulna spare parts[59]."*

Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li RDM kienet timmanifattura zalzett tat-tigieg bil-gobon u dan kien jinbiegh lil CSMR[60].

Ghalkemm fil-bidu l-manifattura kienet ta' *luncheon meat* biss eventwalment beda jsir il-*garlic luncheon meat* u iehor biz-zebbug. Sussegwentement bdiet il-manifattura taz-zalzett. L-ewwel bdew bil-plain u wara bdew "jesperimentaw" bil-*frankfurter* bil-gobon. Kien hemm xi diffikultajiet fil-manifattura taz-zalzett bil-gobon fih ghax meta kienu jaslu fl-istadju tat-tisjir il-gobon beda johrog. Imma mbaghad gabu *casing* li jittiekel u ma kellhomx problemi[61]. Dan iz-zalzett bil-gobon intlaqa' tajjeb fis-suq lokali[62].

---

[58] In ezami a fol 705-708 u in kontro-ezami a fol 710-713
[59] Fol 706 -707
[60] Fol 707
[61] Fol 706
[62] Fol 710 – kontro-ezami

Huwa jghid ukoll li dwar is-*servicing* regolari tal-magni, dan kien isir mill-impjegati Maltin stess.

Minn naha l-ohra l-konvenuti jirribattu fermement l-allegazzjonijiet appena elenkati.

**Poul Erik Damkjaer**, direttur kemm ta' Di u anke RDL jghid hekk:

*"I was ....present in the initial meeting with Charles and Mark Ellul Sullivan when they visited us in Denmark. There they saw the machinery and also sampled our products. The machinery was not the real issue except, conveniently, during the court proceedings. I say this because in reality, the joint venture company did produce skinless chicken frankfurters with and without cheese as can be seen in the sales and stock reports circulated by Mark Ellul Sullivan himself (Document KK6). The product could in effect be produced and what I can confirm is that we delivered the machinery we promised for the factory to work as agreed[63]."*

In kontro-ezami huwa sahaq li meta Mark u Charles Ellul Sullivan zaru l-fabbrika d-Danimarka huwa qatt ma wieghed li l-makkinarju li kienu ser jibaghtu Malta kien kapaci jaghmel zalzett bil-gobon bhal ma huwa z-zalzett bil-gobon tal-markju Wudy, liema gobon jirrikjedi teknika partikolari minhabba l-mod kif jitpogga l-gobon gewwa t-tahlita. DI ma kellhiex il-makkinarju li jaghmel zalzett bil-gobon bid-dehra bhal dak tal-Wudy u dan il-makkinarju kien iqum wisq flus[64]. Di piu' il-kampjuni li daqu Mark u Charles Ellul Sullivan id-

[63] Fol 674 para 6
[64] Fol 770

Danimarka kienu zalzett bil-gobon izda mhux tal-ghamla bhala ma hu l-Wudy bil-gobon[65].

**Karsten Kursch**, konsulent ta' DI u *Area Sales Manager* ta' RDL jikkorobora dan u jghid li anke sa minn qabel ma ffirmaw kwalunkwe ftehim bejnhom u bejn is-shab Maltin -

*"….we regularly sent samples of our products to Malta for the Maltese partners to approve, comment and agree upon. Mark and Charles Ellul Sullivan also visited our premises in Denmark and we also discussed the machinery and the products. I can confirm that the machinery we sent to the factory in Malta could produce chicken frankfurters, with or without cheese, without any issue.*

*The issue that Mark Ellul Sullivan later created was that he wished the chicken frankfurters with cheese to be exactly like the Wudy frankfurters with cheese that according to him the Maltese market was accustomed to. We sought to find cheese of similar properties and had at one point also decided upon feta cheese, but eventually Mark did not approve of its taste and hence the production was dropped. Mark was well aware that to produce the product similarly to the Wudy Frankfurters, we needed to invest in a machine which was very expensive (above 1 million euro) and that this was not viable for the factory[66]."*

Kursch ikompli li l-makkinarju fil-fabbrika seta' jipproduci l-prodotti ndikati fil-*Business Proposal* u fil-fatt dawn gew prodotti kif jirrizulta r-rapport ta' stokk u bejgh mibghut minn Mark Ellul Sullivan stess[67], liema rapport juri wkoll pero' li l-bejgh progettat fuq KULL prodott ghall-KULL sena tal-operat

---

[65] Fol 772
[66] Fol 337 – affidavit Karsten Kusch para.15 u 16
[67] Fol 371 et seq – Dok KK6

ma nltahaqx minn JVC u mhux sempliciment fejn jidhol iz-zalzett tat-tigieg bil-gobon li skont Mark Ellul Sullivan kien afflitt minn problema fil-makkinarju. CSMR, bhala *sole agent* ta' JVC, ukoll ma kinitx qed taghmel bejgh adegwat tal-istokk prodott minn JVC[68].

Skont dan ix-xhud, kien proprju minhabba l-fatt li JVC stess kienet qeghda tonqos li tilhaq il-miri ta' bejgh li DI issuggeriet li JVC twaqqaf il-produzzjoni taz-zalzett tat-tigieg u tiffoka fuq prodotti li minnhom seta' jsir qliegh. Kursch jixhed hekk:

*"The costs involved in producing the chicken frankfurters were higher than the profits gained and this on the basis of the low volume that was produced. In reality, when I had considered the labour element involved in this low quantity production and the water and electricity consumed, any further production would not have made sense for the joint venture Company. But mark Ellul Sullivan would not hear of it. What I had suggested was for the joint venture company to consider regrouping and concentrating on where profits could be made. My suggestion was in fact to focus on chicken luncheon meat with different sizes and spices as at the time only 1.7 kilograms chicken luncheon meat was produced. I had asked mark Ellul Sullivan to consider making 300gr of the same product, he would not agree. When eventually, the joint venture started to produce these products, the figures resulted much more positive[69]."*

In kontro-ezami Kursch rega' sahaq li l-makkinarju mibghut Malta kien kapaci jipproduci kemm *skinless chicken frankfurters with cheese* kif ukoll *chicken frankfurters with cheese with casings*. Huwa xehed li l-makkinarju kien flessibbli u kien jispetta ghall-produttur liema jaghzel.:

[68] Fol 380 – 383 – Dok KK6A u Dok KK6B
[69] Fol 338-339 Para 17

*"..it was flexible you could decide to peel it to make skinless or you could produce I want to mention that in the BP there is no mentioning of skinless….it was an open matter whether you want to do skinless or in with other forms of casing[70]."*

Xhud iehor imressaq mill-konvenuti kien **Svend Hermansen[71]** li ddikjara li kien personalment responsabbli ghall-kunsinna tal-makkinarju u anke ghar-*running in* tieghu. Hu nsista li l-makkinarju kien kompletament adegwat u li kien kapaci jipproduci zalzett tat-tigieg, bil-gobon u minghajru. Huwa kompla hekk:

*"I further confirm that during the visit of the Maltese partners in Denmark, they actually sampled the products produced by the machines in the factory in Denmark (which were the same machines then sent to Malta) and they were fully aware of what they were capable of producing. In addition, once these machines were shipped to Malta and installed, there was absolutely no issue about their adequacy or otherwise.*

*Indeed the machinery provided did produce chicken Franks with cheese in Malta. The issue with Mark Sullivan was far from the machinery not being adequate. Mark Ellul Sullivan had not just seen the machinery but also tasted samples of the products which the machines could produce and was satisfied with them. This all happened before the 2002 agreements were signed and evidence of this is Document "KK7" attached to Mr Karsten Kusch's affidavit where we were discussing samples amongst other things[72]".*

[70] Fol 786
[71] Affidavit a fol 689 et seq u in kontro-ezami a fol 725 et seq
[72] Fol 689 para 7

Hermansen esebixxa wkoll email markata Dok SV 1 datata 30 ta' Mejju 2002[73] li fil-fehma tieghu hija prova li bl-uzu tal-*feta cheese* Mark Sullivan kien konvint li l-prodott seta' jirnexxi.

Jirrizulta li kien hemm xi problemi li nqalghu fil-fazi tar-*running in* tal-progett partikolarment ghal dak li huwa mili taz-zalzett tat-tigieg kif jindika rapport ta' Svend Hermansen tas-17 ta' Lulju 2003[74] imma l-istess Hermansen ikkonferma li wara giet solvuta u sabu soluzzjoni ghaliha[75].

Ix-xhud izid li -

*"I have also been personally to Malta and to the factory and in my discussions with Mark Sullivan at no point in time did he tell me that the machinery is not adequate. We in fact were looking round for the cheese to use and as I said, we had also agreed on the use of feta cheese in the frankfurter. The said frankfurters were in fact produced and sold from the factory.*

*Specifically with respect to the allegation that the machinery is old, I can confirm that, for instance, the filling machine – "Frey Jobber JA 50", was installed in the factory in Malta for the production of chicken Luncheon Meat and Franks whether with or without cheese. Although the machine was not new this does not affect its ability to produce the sausages. As long as such a machinery is properly maintained it is as good as new[76]".*

[73] Fol 692
[74] Fol 751
[75] Fol 730
[76] Fol 689 -690 para 8 u 9

Biex jissostanzja dak li qal, ix-xhud esebixxa ritratti u dokumenti dwar makkinarju simili ghal dak li kien intbaghat f'Malta u li ghalkemm ghandu aktar zmien minn dak uzat minn JVC f'Malta kien ghadu qieghed jintuza minn DI[77]. Jghid ukoll li ghalkemm il-makkinarju li ntbaghat Malta mid-Danimarka ma kienx jiehu *double filling horn*, is-shab Maltin kienu rawh huma stess il-makkinarju minn qabel u dan meta zaru d-Danimarka[78].

Ix-xhud itemm jghid li:

*"It is all a matter of proper respect when using the machines and keeping them maintained in a proper manner.*

*I distinctly recall that on a number of occasions I have asked Mark Ellul Sullivan to make a service contract with a machine engineer in Malta in order to ensure stability in servicing and I had specifically suggested them to use C & H Bartoli Ltd as they seemed to have the knowledge of the machines we used in the JVC – why to my knowledge, Mark never did make a service agreement is not clear to me – but he risked problems by not doing so[79]."*

Fin-Nota guramentata taghhom l-atturi jallegaw li f'dan ir-rigward gew lezi s-segwenti dispozizzjonijiet fil-ftehim iffirmat bejniethom:

(a) L-Artikoli 1,2 u 3 tal-*Partnership Agreement* – Dawn jitrattaw l-introduzzjoni tal-ftehim; l-isfond tal-ftehim; u l-provvista tal-materja prima, ppakkegjar u *spare parts* ecc rispettivament;

[77] Fol 690 para 8 u fol 693 sa 700
[78] Fol 740
[79] Fol 690

*(b)* L-artikolu 10 tas-*Shareholders Agreement* jirregola l-operazzjonijiet ta' RDM.

Fl-affidavit tieghu[80], Mark Ellul Sullivan jindika artikoli ohra li fil-fehma tieghu gew ukoll vjolati minn DI, senjatament:

(a) L-artikolu 1 (klawsoli 1 u 4) li jispjega li n-natura tal-attivita' tal-JVC kellha tkun il-produzzjoni ta' zalzett maghmul mill-laham tat-tigieg bil-markju DANY u li l-partijiet se jimplimentaw il-progett bi shab bi qbil mal-*Business Proposal*; kif ukoll l-artikolu 18 tas-*Shareholders Agreement;*

(b) L-artikolu 8 tal-*Partnership Agreement* li jitratta l-klawsoli dwar il-provvista ta' hiliet u Management skills minn naha ta' DI lil RDM.

Il-Qorti tosserva li:

**1.** F'ebda wahda min-numru sostanzjali ta' dokumenti u korrispondenza skambjata bejn il-partijiet ma jissemma xi lment dwar inadegwatezza tal-makkinarju minn naha tal-atturi. Bhala punt ta' tluq dan diga' jpoggi dell fuq il-kredibilita' tat-tezi attrici.

**2.** Meta Mark u Charles Ellul Sullivan telghu id-Danimarka qabel iffirmaw kwalunkwe ftehim, huma gew murija l-makkinarju li kien intiz li jintbaghat ghall-progett f'Malta.

**3.** Ma hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-atturi li l-makkinarju kollu li dwaru kien hemm qbil fil-*Business Proposal*[81] intbaghat f'Malta.

---

[80] Fol 254
[81] Fol 162 – pagna 12 tal-Business Proposal

**4.** Kif irrikonoxxa Mark Ellul Sullivan stess, fil-lista tal-makkinarju ndikat fil-*Business Proposal* (pagna 12) ma jissemmix illi l-*vacuum filler* kellu jkun *double horn*[82]. Jinghad infatti l-Qorti ma rrintraccat ebda qbil fil-ftehim kollha ffirmati li z-zalzett tat-tigieg bil-gobon kellu jkun tat-tip Wudy.

**5.** Huwa minnu kif qed jghidu l-atturi fis-sottomissjonijiet taghhom li wiehed mill-elementi msemmi fil-kalkolu tal-prezz taz-zalzett tat-tigieg bil-gobon huwa *"Casing f. peeling"*[83]. Izda apparti li dan l-element hadd mill-partijiet ma xehed specifikatament dwaru, il-Qorti tinnota li dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni awtomatika li l-partijiet qablu dwar *skinless chicken sausages with cheese* kif qeghdin jargumentaw l-atturi fis-sottomissjinijiet taghhom. L-ewwel nett, it-titolu ta' din il-parti tad-dokument huwa biss *"Price Calculation Chicken Franks with Cheese"* u t-tieni nett, f'din il-parti tad-dokument qeghdin isiru biss kalkoli u stimi dwar il-prezzijiet tal-prodotti. Ghalhekk il-frazi *"Casing f.peeling"* ghandha tigi nterpretata wkoll f'dak il-kuntest. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-partijiet riedu jkunu tant kategorici fuq l-ghazla tal-prodott, il-kelma *"skinless"* kienet titnizzel specifikatament fil-*Business Proposal*. Izda la dan il-ftehim, u lanqas il-kuntratti l-ohra ffirmati, ma jsemmu *skinless sausages* x'imkien. Li tara l-Qorti nvece huwa li l-prodotti li dwarhom sar qbil li kellhom jigu prodotti f'Malta kienu:

- *Luncheon Meat Sausages with a diameter of approximately 82mm and a weight of 1700 grams; u*
- *Frankfurter sausages with a diameter of approximately 25mm and a weight of 50 grams*[84]

[82] Fol 331
[83] Fol 185 – pagra 35 tal-Business Proposal
[84] Fol 159 – Pagna 9 tal-Business Proposal

Irrizulta mill-provi prodotti u kif ndikat mix-xhieda suesposta li dawn il-prodotti setghu jigu prodotti u fil-fatt gew prodotti bil-makkinarju mibghut mid-Danimarka inkluz iz-zalzett tat-tigieg bil-gobon. Dan mhux biss huwa konfermat minn Emanuel Busuttil l- *ex*-foreman ta' RDM izda wkoll mis-*Sales and Stock* Reports fuq medda ta' snin maghmula minn Mark Ellul Sullivan stess[85].

**6.** Il-fatt li z-zalzett bil-gobon beda jsir bl-*edible casing* ma jnaqqas xejn mill-prestazzjoni tal-makkinarju nnifsu.

**7.** Inoltre meta xi problemi li kien hemm fil-fazi inizjali tal-manifattura taz-zalzett bil-gobon gew sorvolati, u l-prodott beda jigi manifatturat bl-edible casing, dan intlaqa' tajjeb fis-suq lokali.

**8.** Tqabbil bejn is-*Sales and Stock reports* u c-cifri ndikati fil-*Business Proposal* dwar progettazzjonijiet ta' bejgh juru li effettivament il-miri ma kinux qeghdin jintlahqu ghall-prodotti kollha u mhux biss ghal dak li jolqot iz-zalzett tat-tigieg bil-gobon. Dan ukoll jimmilita kontra t-tezi attrici li l-problema kienet il-makkinarju tenut kont li Mark Ellul Sullivan stess ammetta fl-affidavit tieghu li l-atturi m'ghandhom ebda *claim* fuq il-*luncheon meat* biz-zebbug fih u *luncheon meat* bit-tewm fih ghax dawn ma kien hemm ebda problema bil-manifattura taghhom.[86] Il-Qorti ssaqsi – allura jekk ma kien hemm ebda problema ghar-rigward ta' dawn il-prodotti il-ghala l-miri progettati xorta ma ntlahqux?

---

[85] Fol 371 et seq - Dok KK6
[86] Fol 333.

**9.** Korrispondenza elettronika mibghuta minn Mark Ellul Sullivan lil Poul Erik Damkjaer fis-sena 2005[87] mhux talli ma taghmel ebda referenza ghal xi problemi fil-makkinarju talli tissuggerixxi zieda bil-bejgh u addirittura esportazzjoni sabiex il-fabbrika f'Malta tkun tista' tilhaq il-kapacita' massima taghha.

**10. Dak li l-Qorti tirriskontra u li ma tistax thalli inosservat invece huwa li wara certu zmien f'dan in-negozju, RDM ripetutament bdiet tonqos milli taghmel il-hlasijiet lil DI ghall-materja prima konsenjata**.

Karsten Kusch jghid li l-problemi dwar bejgh u l-linji ta' kreditu kienu prevalenti mill-bidu nett ta' RDM. Biz-zmien il-problemi eskalaw a tal-punt li r-relazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet sfaxxaw u dan primarjament kawza tal-ammont kbir ta' dejn mhux imhallas minn RDM lil DI. Dan ix-xhud jghid hekk:

*"Major problems started to crop up with the Maltese partners approximately between 2005 and 2006, the main two reasons being (i) the fact that the Joint Venture Company was not trading profitably/or losing money (despite the fact that the budgets made by the Managing Director showed otherwise) and (ii) the amounts owing to Damkjaer International A/S by the same Joint Venture Company and which were not being paid[88]."*

Huwa jzid li l-ghoti ta' nformazzjoni u l-aggornamenti fuq l-immanigjar u t-tmexxija gornaljera tal-JVC bdiet dejjem tkun aktar skarsa u meta DI bdiet tindaga dwar meta kienet sejra tithallas tal-materja prima li hija kienet qeghda tipprovdi lil JVC, bdew isirulha weghdi fiergha li xorta ma twettqux.

[87] Fol 676-679 (Dok PED 1 u Dok PED 2)
[88] Affidavit – Fol 336

Sensiela ta' korrispondenza elettronika[89] mibghuta minn Paul Erik Damkjaer lill-ishab Maltin biex jottjeni aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-JVC u meta kien se jsir il-hlas lil DI, xorta baqghet ma wasslet imkien, skont ma jghid Kusch. Id-dejn dovut lil DI minn JVC huwa ta' DKK781,760.11. DI ghamlet it-talba ghall-hlas a tenur ta' Klawsola 14 tal-*Partnership Agreement*, madankollu l-jiem stipulati ghall-hlas ma gewx onorati[90]. Ghal din ir-raguni eventwalment ittiehdu passi minn DI biex JVC ma tibqax tuza l-markju DANY[91]. Minhabba dawn in-nuqqasijiet ripetuti, DI ittermminat il-*Partnership Agreement* ma' JVC nhar it-12 t'April 2007[92].

Dan kollu gie wkoll konfermat minn Poul Erik Damkjaer fl-affidavit tieghu[93].

Dawn il-provi mressqa, partikolarment id-dokumentazzjoni li turi t-tentattivi u l-passi li kienet kostretta tiehu DI biex tipprova tirkupra l-hlasijiet dovuti lilha skont il-ftehim, ikompli jikkonvinci lil din il-Qorti li, kif qalu l-konvenuti, kien in-nuqqas ta' hlasijiet minn RDM u mhux xi problema bil-makkinarju li wasslet biex tiddeterjora r-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg nahat, a tal-punt li sfaxxat kompletament.

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tirriskontra ebda ksur tal-klawsoli citati mill-atturi fil-*Partnership Agreement* u fis-*Shareholders Agreement* minhabba xi inadempjenza ta' DI fir-rigward tal-makkinarju mibghut minnhom f'Malta.

[89] Fol 343 – 361 (Dok KK1A sa KK1R)
[90] Fol 362 – Dok KK 2
[91] Fol 364 – Dok KK3
[92] Fol 366 – Dok KK4
[93] Fol 673

**B. Allegazzjoni ta' esportazzjoni lejn u distribuzzjoni ta' prodotti f'Malta minn DI tramite distributur terz f'kompetizzjoni diretta ma' RDM**

Skont Mark Ellul Sullivan[94], din id-decizjoni tas-shab Danizi mminat irrimedjabilment kwalunkwe prospetti li l-JVC kellha biex taghmel il-profitti. Dan anke ghax CSMR kienet waqfet timporta l-prodotti kompetittivi minghand RDL ghax kien hemm qbil li hadd mill-partijiet ma jikkompeti mal-fabbrika lokali.

Fil-fehma tal-atturi, dan l-agir sar bi ksur tal-artikolu 11 tas-*Shareholders Agreement* liema artikolu jirregola l-pattijiet bejn il-partijiet fosthom li –

*"2. CSMR and DI will not at any time during the duration of this Agreement directly or indirectly engage themselves, financially or otherwise, in any form of activity that would conflict or be in competition with the activities of the JVC in Malta, with the exception of the co-operation between CSMR and Robert Damkjaer Ltd regarding the importation and sales of products from Robert Damkjaer Ltd[95]."*

Minn naha l-ohra, Karsten Kusch jinsisti fl-affidavit tieghu[96] li DI dahlet f'relazzjonijiet kummercjali ma' terzi wara li l-*Partnership Agreement* gie terminat minn naha ta' DI fit-12 t'April 2007[97] u wara li l-Qrati Maltin cahdu talbiet mressqa mill-atturi biex DI tigi inibita milli tesporta l-prodotti taghha f'Malta tramite terzi. Il-Qorti tifhem li r-referenza li qeghda ssir hija ghall-proceduri dwar talba ghal hrug ta' Mandati t'Inibizzjoni li ghalihom saret

[94] Affidavit a fol 255-255
[95] Fol 23 – Pagna 13 tal-ftehim
[96] Fol 337 para 12
[97] Ittra legali a fol 366

referenza diga', fl-ismijiet **CSMR (1994) Ltd et et vs Damkjaer International Ltd et (Rik Nru 253/07)** u li gie revokat fit-28 ta' Gunju 2007 (Rik Nru 394/07); kif ukoll **Robert Damkjaer (Malta) Ltd vs Dr Henri Mizzi noe (Rik Nru 1003/07)** li gie michud fit-18 ta' Lulju 2007.

Il-Qorti tqis li in vista tal-mod kif ir-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment minhabba nuqqasijiet da parti tal-atturi nvoluti fil-ftehim ma' DI; u in vista tal-fatt li rrizulta b'mod mhux kontradett li DI esportat il-prodotti taghha lejn Malta tramite terzi **wara** li l-*Partnership Agreement* kien gie ufficjalment terminat skont l-istess termini tal-ftehim, u **wara** wkoll li ma kien fadal ebda mpediment legali biex DI setghet tinnegozja ma' terzi, ma hemm ebda lok li jintlaqa dan l-ilment.

**L-ewwel talba tal-atturi ghalhekk ghandha tigi michuda. Ghall-istess raguni, il-hdax il-eccezzjoni tal-konvenuti sejra tigi milqugha.**

## C. Allegazzjoni dwar l-irtirar tal-licenzja ghall-uzu tal-marka DANY

Skont Mark Ellul Sullivan[98], u a bazi tal-Artikolu 1 tas-*Shareholders Agreement*, l-uzu tal-marka DANY kienet centrali ghat-thaddim tajjeb tal-progett bi shab bejn il-Maltin u d-Danizi. Ghalhekk l-irtirar tal-licenzja lill-fabbrika f'Malta sar bi ksur ta' dak li kkommettew ruhhom ghalih is-shab Danizi. Il-markju DANY kienet u ghadha *leader* fis-suq Malti ghal dak li hu l-qasam tac-*chicken luncheon meat*. Dan ir-rizultat inkiseb bis-sahha tal-hin, energija u flus investiti minn CSMR fil-*marketing* tal-*brand* bejn is-sena 2000 u 2007.

---
[98] Affidavit tieghu a fol 255 et seq para b)

Ellul Sullivan izid jghid li dan l-agir tad-Danizi wassal ghal tnaqqis drastiku ta' bejn 75-80% fil-bejgh ta' JVC wara l-2007 liema konsegwenzi wasslu biex il-fabbrika eventwalment kellha taghlaq fl-2012.

L-atturi jallegaw li dawn l-azzjonijiet saru bi ksur tas-*Shareholders Agreement* senjatament:

(a) L-Artikolu 1, klawsola 1- li jistipula li l-attivita' tal-JVC hija l-produzzjoni u l-bejgh ta' zalzett maghmul mil-laham tat-tigieg f'Malta bil-markju DANY; u

(b) Artiklu 11, klawsola 2, li kif inghad jipprovdi li "*CSMR and DI will not at any time during the duration of this Agreement directly or indirectly engage themselves, financially or otherwise, in any form of activity that would conflict or be in competition with the activities of the JVC in Malta, with the exception of the co-operation between CSMR and Robert Damkjaer Ltd regarding the importation and sales of products from Robert Damkjaer Ltd",* kif ukoll klawsola 4 tal-ftehim li tghid li l-koperazzjonijiet bejn is-shab Maltin u Danizi ghandha tkun bazata fuq lealta' bejniethom u li ghandhom izommu lil xulxin infurmati dwar l-attivitajiet ta' xulxin ghal dak li jirrigwarda kostruzzjoni u sussegwentement tmexxija mill-JVC tal-impjant tal-ipprocessar taz-zalzett.

Il-Qorti tqis li fit-12 t'April 2007 DI kienet baghtet ittra legali lil RDM[99] permezz ta' liema nterpellata biex tiddezisti milli tkompli tuza l-markju DANY u biex tiddezisti wkoll milli tuza tali markju fir-rigward ta' materja prima li ma kinitx mixtrija minghand DI.

[99] Fol 364 – Dok KK3

Il-Qorti tqis ukoll li sussegwentement ittiehdu proceduri legali minn DI u RDL dwar din il-materja u llum hemm sentenza li ghaddiet in gudikat - Cit Nru 1336/07 deciza fit-28 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet: **L-Avukat Dr Henri Mizzi noe vs Robert Damkjaer (Malta) Limited.** Dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta ma jhalli ebda lok ta' dubju dwar l-infondatezza ta' dan l-ilment tal-atturi fil-kawza odjerna:

*"RDM ma setghetx taghmel iktar uzu mill-marka Dany wara l-ittra tat-12 ta' April 2007, u mhux mad-digriet tat-12 ta' Ottubru 2007. Mill-provi rrizulta li RDM kienet qeghda tbiegh prodott identiku bl-uzu ta' materja prima differenti li kienet qeghda takkwista minghand terzi. Il-ksur tal-marka kien qieghed isehh:*

*i. Minn meta RDM irceviet l-ittra tat-12 ta' April 2007 u baqghet timmanifattura u tbiegh prodotti bil-marka Dany. Ma jirrizultax li kopja tal-ittra ntbaghatet lil CSMR. Madankollu gialadarba Mark Ellul Sullivan hu direttur ukoll ta' CSMR, ghandu jitqies li CSMR kienet taf li RDM ma kellix jedd li taghmel iktar uzu tal-marka Dany.*
*ii. ii. Meta RDM kienet qeghda tbiegh prodott f'packing li kellu l-marka Dany, li pero kienet mghottija bi sticker.*

……

*Mill-provi li ressqu l-partijiet il-qorti hi konvinta li:*

*(a) RDM baqghet timmanifatura chicken luncheon meat f' packing li fuqu hemm it-trademark oggett tal-kawza, ghallinqas sas-sena 2011. F'dan ir-rigward il- qorti tosserva:-*

*i. F'affidavit ta' Pierre Pellegrini Petit (fol. 321) jinghad li fit-3 ta' Lulju 2009 kien xtara lokalment The Original Chicken Luncheon Meat with garlic bit-tabella Dany moghttija bi sticker fuqha u fuq il-pakkett kien hemm Best Before 08.2009 (fol. 322)…..*

*ii.Mir-ritratti li x-xhud Karsten Kusch ipprezenta mal-affidavit … jidher prodott fejn fil-parti Best Before tissemma s-sena 2010. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 Mark Ellul Sullivan xehed: "B'riferenza ghar-ritratt a fol. 285 et sequitur, qed nigi mistoqsi jekk il-prodotti li jidhru f'dawk ir-ritratti u ghandhom expiry date 2010 humiex ukoll frott ta' zball kif semmejt fl-affidavit tieghi…Nghid li llum ma nistax nghid. Irrid nivverifika…"*

*iii. F'affidavit iehor ta' Karsten Kursch (fol. 415) ikkonferma li bejn l-14 u s-17 ta' Novembru 2011 kien mar gewwa The Tower Supermarket, Sliema u sab il-prodott chicken luncheon meat u fuqu kien hemm sticker bl-isem The Original, u meta nehhiha sab il-kelma Dany.*

*Il-konkluzjoni hi li t-taghrif li ta Mark Ellul Sullivan fid-dokument mehmuz mal-affidavit tieghu (ara fol. 438) ma jirriflettix il-verita', u l-packing bit-trademark Dany baqa' jintuza wara s-sena 2007.*

*(b) Fl-istess zmien kien qieghed jintuza packing iehor ghall-istess prodott u li fuqu ma kenitx tidher it-trademark Dany. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha mir-ritratt a fol. 315 fejn id-data Best Before hi 18.02.09. L-istess jirrizulta mir-ritratt a fol. 317 fejn tidher is-sena 2009 bl-isem tal-prodott li sar The Original. Fuq dan il-packing m'hemmx il-kliem Produced under License and Supervision by our Danish Partners: Robert Damkjaer Ltd kif jidher fuq packing iehor li fih it-trademark Dany.*

*Fl-eccezzjonijiet il-konvenuti ghamlu hafna riferenza ghall-kuntratti kummercjali li kien hemm. Pero' RDL, is*-sid *tal-marka, ma kenitx parti ghall-partnership agreement (fol. 25) u sole agency agreement (fol. 19) u lanqas ma kienet azzjonista ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited (fol. 7). Ghalhekk qatt ma setghet kisret xi ftehim mal-konvenuti, ghaliex dan qatt ma kien jezisti. Bhala s-sid tal-marka Dany kellha kull dritt li ma tippermettix li titkompla tintuza. Ghalhekk wara l-ittra tat-12 ta' April 2007 RDM ma kellha l-ebda dritt li tkompli taghmel uzu mill-marka Dany fuq il-prodotti li kienet qeghda timmanifatura. Anzi kellha l- obbligu li tieqaf minnufih. Pero' hu evidenti li baqghet timmanifattura chicken luncheon meat u tippakjah f'packing li kellu l-marka Dany."*

F'dik l-istess sentenza l-Qorti kienet akkordat lil RDL is-somma ta' €15,000 bhala danni.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti, filwaqt li tabbraccja l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tqis li, kif diga' inghad, mhux biss l-inadempjenza kontrattwali ta' RDM wasslet biex ir-relazzjoni bejn il-Maltin u d-Danizi sfaxxat fix-xejn b'dana li RDM twaqqfet ufficjalment milli tkompli tuza l-markju DANY, izda addirittura u bi ksur lampanti tal-ligi, RDM baqghet ghal xi zmien timmanifattura u tbiegh prodotti bil-marka DANY meta ma kinitx awtorizzata taghmel dan. Li gara gabitu b'idejha stess RDM. Kull kumment iehor dwar din l-allegazzjoni jkun ghalhekk superfluwu. L-ilment huwa michud.

**D. Allegazzjoni dwar li DI sistematikament kienet qeghda titlob spejjez zejda lil JVC ghall-forniment ta' *casings* u materja prima**

Dwar din l-allegazzjoni, Mark Ellul Sullivan jghid li DI kisret is-*Shareholers u Partnership agreements*, liema fatt gie nnutat ghall-ewwel darba fl-2007 meta JVC pruvat iggib il-*casings* u l-materja prima direttament mill-fornituri originali. Huwa jghid li filwaqt li skont l-Artiklu 5 tal-*Partnership Agreement*, DI suppost kellha tforni l-*casings* u l-materja prima bl-istess prezz moghti mill-forrnituri b'zieda ta' 2.5% bhala mizata amministrattiva, irrizulta li l-prezzijiet li kienu qeghdin jinghataw minghand DI kienu bejn 138% u 177% aktar oghla minn dawk tal-fornitur.

L-atturi jallegaw li dan wassal ghal ksur ta':

(a) l-Artikli 11 u 17 tas-*Shareholders Agreement* – dawn jirregolaw il-pattijiet maghmula bejn il-partijiet firmatarji u klawsoli mixxellanji rispettivament;

(b) Artikli 4 u 5 tal-*Partnership Agreement* – dawn jirregolaw l-iffissar tal-prezz u l-mizata amministrattiva rispettivament;

(c) l-Artiklu 39 tal-*Articles of Association*[100] li jipprovdi hekk – *"No director shall be disqualified by his position as director from entering into any contract or arrangement with the company and the director may vote and be taken into account for the purpose of constituting a quorum in respect of any contract or arrangement in which he may in any way be interested and may retain for his own use and benefit from all profits and advantages accruing there from to him. Provided that the director declares such interest. A director may hold any other places or profit under the company (other than that of the auditor) on such terms and remuneration as the board of directors may determine"*; u

[100] Fol 102

(d) l-Artikolu 143 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdi li direttur ta' kumpannija ma jistax, b'konkorrenza mal-kumpannija u mingħajr l-approvazzjoni tal-istess kumpannija f'laqgħa ġenerali, jinnegozja għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew ikun soċju b'responsabbiltà illimitata f'soċjetà oħra jew ikun direttur ta' kumpannija li tkun tagħmel konkorrenza ma' dik il-kumpannija.

Minn naha l-ohra ghan-naha tal-konvenuti, Karsten Kusch jirribatti hekk:

*".....the allegations in this case also appear to be related to an alleged case of overcharging for casings from our end. Casings are put outside the actual meat – the casing has properties as to not to allow air penetration (for a specific time) allowing a cooked product that is to be sold as a chilled product in the supermarkets, to keep a longer shelf life. In this respect I am attaching two invoices we sent to Robert Damkjaer (Malta) Limited and the invoices we then received for the same product (Doc KK15 and Doc KK15A). As will be seen, the prices are the same. This was always the case and we did not overcharge the Joint Venture Company as is being alleged. I have to point out that in the last invoice 15A we had ordered more casings so there is evidently a difference in price between what we paid and what we charged Robert Damkjaer (Malta) Ltd. If however one divides the final price (1, 218DKK) with the number of casing meter (600), the unit price is exactly the same, i.e DKK 2.03 on both invoices. We had no intention of making a profit on the factory from the casings other than the agreed margin and in fact we never did. We simply replicated the price we were charged by +2.5% as an administrative fee and as agreed with the Joint Venture Company. This is always the manner in which we dealt with our Maltese partners and namely in a transparent way. This is also evident from documents exhibited by Mark Ellul Sullivan himself (document "E" attached to*

*this statement). I also confirm that we never ordered any casings from Viscofan which is the supplier referred to in Mark Ellul Sullivan's evidence*[101]*."*

Ma hemm ebda lok li l-Qorti tiddilunga fuq dan l-ilment. Il-figuri u l-kalkoli johorgu cari mill-fatturi esibiti a fol 397 sa 401 (Dok 15 u Dok 15A) u jgiddbu t-tezi attrici. L-agir ta' DI kien ghalhekk pjenament fil-parametri ta' dak miftiehem bejn il-partijiet anke ghal dik li hi mizata amministratttiva.

**Din l-allegazzjoni hija wkoll infondata.**

**E. Allegazzjoni li DI ma hallietx lil JVC tixtri materja prima minghand fornituri fid-Danimarka sempliciment ghax insistiet li tibqa' tfornih hi minkejja li bi prezz aktar gholi.**

Dwar din l-allegazzjoni, Mark Ellul Sullivan jixhed hekk fl-affidavit tieghu[102]:

*"Damkjaer International furthermore prevented the JVC from purchasing raw materials from suppliers in Denmark simply because it wanted to continue supplying the factory with raw materials supplied by it and which were more expensive. An example is the price for the mechanically deboned chicken meat (MDM). Damkjaer International used to buy the MDM from Rose Poultry Limited in Denmark, and sell it to JVC. However in 2007 the JVC managed to obtain a better price on the MDM from the same manufacturer. Moroever, Damkjaer International purchases around 150 tons* <u>*weekly*</u> *of MDM while the JVC obtained a better price on just a one-off purchase of 16 tons (1x20ft*

[101] Fol 340 – para 22
[102] Fol 257-258 punt 7

*container). Still the price was 2.3% cheaper, and this ingredient was the main ingredient (products contained minimum 80% MDM). Also on further investigation and negotiations the JVC managed to obtain even much better prices of MDM from other European companies at more than 50% cheaper."*

Provi dokumentarji dwar din l-allegazzjoni ma tressqux mill-atturi.

Dwar ix-xiri ta' materja prima mid-Danimarka, stqarrija ta' Gert Lljungerg Joergensen[103], *Export Manager* ta' *Rose Poultry* A/S Ltd tghid li fl-ewwel kwart tas-sena 2007 huma kienu rcevew ordni minn Kumpanija Maltija bl-isem ta' Practical Trading Co. Ltd, ghal *container* ta' tigieg MDM. Huma kienu kkwotaw il-prezz ta' €0.65/kg. Irrizulta pero' li din l-ordni kienet ittiehdet minn impjegat ta' Rose Poultry A/S fl-assenza ta' Joergensen. Mar-ritorn tieghu, Joergensen ikkuntatja lil Poul Erik Damkjaer *"to ask him whether he thought this shipment was for Robert Damkjaer (Malta) Ltd since this was the only producer in Malta we knew of using chicken MDM. Another consideration was that the meat ordered was the same type of meat that Robert Damkjaer A/S and Damkjaer International A/S of Denmark had "sole rights" on. Poul Erik Damkjaer told me that no matter what, the qualities for which they had "sole rights" could not be forwarded to anybody without prior consent of Robert Damkjaer A/S and Damkjaer International A/S."* Wara li ghamlu l-accertamenti taghhom, Rose Poultry A/S stess ikkancellaw l-ordni.

F'kull kaz, Gert Lljungerg Joergensen spjega li l-prezzijiet ghat-tigieg MDM ivarjaw matul is-sena u dan minhabba diversi fatturi fosthom id-disponibilita' ta' tigieg ghall-qatla jew l-ispejjez ghat-tnissil taghhom.

[103] Fol 406 - 407

Ghar-rigward ta' prezzijiet ta' MDM minn pajjizi ohra Ewropej, Emanuel Busuttil Dougall xehed hekk[104]:

*"Imbaghad gara xi haga li ma nafx x'inhi li wassal biex il-materja prima ma baqghetx tingieb minn Denmark. Jekk niftakar sew il-laham beda jinxtara minn Spanja, imbaghad minn xi pajjizi differenti….Ta' Spanja waqqafnieh habba li l-kwalita' ma ntoghgbitx. Il-laham kellu hafna splinters. Dan ikun ghadam. Meta imbaghad bdilna l-materja prima u bdejna ngibu minn pajjiz iehor insejt minn fejn tjiebet il-kwalita' imma qatt daqs tad-Danimarka."*

Minn naha tieghu Karsten Kursch jghid hekk:

*"….approximately in March of 2007, it transpired that the Joint Venture Company was acquiring raw material from third parties and manufacturing same under the DANY trademark. By virtue of the letter dated 12 April 2007….(document "KK3"), this was brought to the attention of the Joint Venture Company. However Joint Venture Company persisted in this illegal behaviour and the owner of the mark had no alternative but to file proceedings in the Maltese Courts to stop the said unauthorised use of the mark.[105]"*

**Il-Qorti diga' ccitat estensivament mill-proceduri Cit Nru 1336/07. RDL kellha kull dritt skont il-ligi li twaqqaf lil RDM milli timporta materja prima minghand terzi ghax dan l-agir kien qieghed isehh bi ksur tad-drittijiet intelletwali ta' RDL. Dan l-ilment huwa ghalhekk ukoll infondat.**

**F. Allegazzjoni li DI agixxiet b'qerq fil-bejgh tal-pakkett turnkey**

---

[104] Fol 707-708
[105] Fol 341

L-attur Mark Ellul Sullivan jallega li DI kisret l-Artikolu 11, klawsoli 1 u 4 tas-*Shareholders Agreement* u agixxiet b'qerq meta bieghet il-pakkett *turnkey* ghall-prezz ta' €537,260 minkejja li kienet taf li fost ohrajn il-makkinarju kien diga' ilu 10 snin u li ma setghetx taghti l-prodotti miftehma bil-prezzijiet miftehma. Dan il-prezz jinkludi biss it-3 makkinarji ewlenin. Kien biss b'kumbinazzjoni li s-shab Maltin ottjenew informazzjoni dwar l-istat tal-makkinarju msemmi u dan meta rcevew korrispondenza dwarhom minghand teknici barranin[106]. Il-prezz imsemmi jinkludi biss 3 makkinarji ewlenin u jeskludi l-magna ta' ppakkegjar li nxtrat specifikatament ghall-produzzjoni tac-*chicken frankfurters* u li Karsten Kursch qal lis-shab Maltin biex ibighuha wara biss 10 xhur mill-bidu tal-produzzjoni.

In kontro-ezami[107], dan l-attur qal hekk:

*"Ahna hrigna share capital. B'riferenza ghac-cifra li tissemma f'paragrafu disgha tal-affidavit tieghi, hames mija, sebgha u tletin elf, mitejn u sittin Ewro (€537,260), ahna flus ma hrigniex. Pero' dak huwa l-prezz tat-turnkey project li jissemma fil-business proposal."*

Il-Qorti ma rrintraccat din ic-cifra f'ebda parti tal-*Business Proposal*. Kif wasal ghaliha l-attur jibqa' mhux maghruf. F'kull kaz, u fuq ammissjoni ta' Ellul Sullivan stess, is-shab Maltin ma hargu ebda flus. Il-prova tal-bejgh hija nieqsa u l-allegazzjoni dwar il-qerq ukoll ma gietx pruvata mill-atturi.

**Din l-allegazzjoni qeghda ghalhekk tigi michuda wkoll.**

[106] Dok F u G a fol 268 u 269
[107] Fol 333

### G. Allegazzjoni li DI "serqet" l-opportunita' eccellenti li kellha JVC biex tesporta lil Kumpanija Halwani fl-Arabja Sawdita

L-attur Mark Ellul Sullivan jallega ulterjorment li sehh ksur ulterjuri tal-Artikolu 11, klawsoli 1, 4 u 5 tas-*Shareholders Agreement* sehh meta DI "serqet" l-opportunita' eccellenti li kellha JVC biex tesporta lil din il-kumpanija fl-Arabja Sawdita. Huwa jghid li DI zammet ghaliha t-tahlita ta' hwawar "Halwani" li kienet intbaghtet lil JVC minghand il-Kumpanija Halwani stess ghall-produzzjoni ta' kampjuni bit-tahlita ta' hwawar taghhom.

Dwar dan pero', in kontro-ezami[108] huwa elabora li huma ma kellhom ebda ftehim li ser jesportaw lil Halwani. Dawn dahlu fix-xena wara l-ftehim li kienu ffirmaw mad-Danizi u effettivament kienu klijenti tad-Danizi. Id-Danizi kienu proponew li minn Malta jintbaghtu kampjuni, kif fil-fatt sar. Il-kampjun kien inghogob u l-Kumpanija Halwani riedet li tizdied it-tahlita ta' hwawar taghhom, liema tahlita pero' ntbaghtet id-Danimarka u qatt ma giet Malta. Ellul Sullivan ma kienx jaf x'ghamlu d-Danizi ma' Halwani. Il-prodott kien *luncheon meat* u mhux zalzett.

Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Ellul Sullivan in kontro-ezami stess twaqqa' ghal kollox l-argument tal-atturi. Is-socjeta' Halwani kienet klijenta ta' DI – fatt li RDM kienet a konoxxenza tieghu. Anke jekk f'xi punt DI involviet lil RDM sabiex jintbaghat kampjun minn Malta, dan ma jiskatta ebda dritt da parti ta' RDM li tivvanta xi pretensjonijiet dwar possibilita' ta' negozju ma' Halwani. Ahseb u ara kemm jista' jinghad li DI "serqet" xi opportunita' lil RDM.

[108] Fol 332

Il-Qorti tinnota wkoll li la l-*Partnership Agreement* u lanqas is-*Shareholders Agreement* ma jirreferu ghal xi qbil bejn il-partijiet dwar esportazzjoni ta' prodotti. Anzi, jirrizulta li meta kien sehh skambju ta' korrispondenza bejn il-Maltin u d-Danizi fejn Mark Ellul Sullivan ippropona l-esportazzjoni, din il-proposta ma kienx hemm qbil dwarha mid-Danizi[109]. Karsten Kusch jghid hekk[110]:

*"…we had always stated that we will consider exports only when the factory in Malta is properly up and running and profitable. With the situation in Malta as it was, we were not keen to venture overseas with our products. Mark also came up with the 'export' idea to somehow try and make good the failure of CSMR to meet adequate sales targets with the consequence that the joint venture was lumped with extra stock."*

Il-provi juru wkoll li finalment, Mark Ellul Sullivan kien accetta li RDM kellha thares lejn possibilita' ta' esportazzjoni biss bhala oggettiv fit-tul[111].

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din l-allegazzjoni ma hix ser tintlaqa'.**

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet kollha la l-Qorti ssib li ebda wiehed mill-konvenuti ma kien responsabbli ghall-ksur ta' xi obbligi kontrattwali fil-konfront tal-atturi, u la allura l-istess konvenuti ma ghandhom jirrispondu ghal ebda danni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici ukoll sejrin jigu michuda. Ghall-istess ragunijiet, l-eccezjonijiet numru 13 u 14 tal-konvenuti ser jintlaqghu.

[109] Fol 402 – 403 (Dok KK16 u Dok KK 17)
[110] Affidavit fol 341 para 24
[111] Fol 405 – Dok KK 17

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-atturi solidalment bejniethom hlief ghall-ispejjez tal-eccezzjonijiet li gew michuda fis-sentenza preliminari tal-25 ta' Marzu 2013, liema spejjez ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Miriam Hayman**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**